Nru./No. 20,857
Prezz/Price
€8.10

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 13 ta' Mejju, 2022
Friday, 13th May, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 8137 - 8167
Government Notices ..... *8137 - 8167*

Avviżi tal-Pulizija ..... 8167 - 8168
Police Notices ..... *8167 - 8168*

Avviżi lill-Baħħara ..... 8169 - 8184
Notices to Mariners ..... *8169 - 8184*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 8185 - 8275
Employment Opportunities ..... *8185 - 8275*

Avviżi tal-Gvern ..... 8275 - 8285
Notices ..... *8275 - 8285*

Offerti ..... 8285 - 8291
Tenders ..... *8285 - 8291*

Avviżi tal-Qorti ..... 8291 - 8312
Court Notices ..... *8291 - 8312*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 524

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

IL-MINISTRU għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza għoġbu japprova l-promozzjoni tal-Uffiċjal hawn taħt għar-rank ta' Kaptan b'seħħ mid-data li tinsab ħdejn isimha.

Logutenent Sarah Lynn Caruana 25 ta' Marzu, 2022

It-13 ta' Mejju, 2022

Nru. 525

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

IL-MINISTRU għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza għoġbu japprova l-promozzjoni tal-Uffiċjal hawn taħt għar-rank ta' Logutenent b'seħħ mid-data li tinsab ħdejn ismu.

2 Logutenent Nikolai Cutajar 27 ta' November, 2021

It-13 ta' Mejju, 2022

Nru. 526

ĦATRA TA' AĠENT
ACCOUNTANT GENERAL

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol approva l-ħatra temporanja li ġejja:

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Is-Sa Marisabelle Azzopardi	Accountant General *Accountant General*	Teżor *Treasury*	17.5.2022 - 19.5.2022

It-13 ta' Mejju, 2022

Nru. 527

WARRANT MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (3) tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunajri b'Setgħa li Jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja ħatar bħala Kummissjunarji b'Setgħa li Jagħtu Ġurament,

GOVERNMENT NOTICES

No. 524

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

THE Minister for Home Affairs, Security, Reforms and Equality had the pleasure to approve the promotion of the undermentioned Officer to the rank of Captain with effect from the date as shown against her name.

Lieutenant Sarah Lynn Caruana 25th March, 2022

13th May, 2022

No. 525

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

THE Minister for Home Affairs, Security, Reforms and Equality had the pleasure to approve the promotion of the undermentioned Officer to the rank of Lieutenant with effect from the date as shown against his name.

2 Lieutenant Nikolai Cutajar 27th November, 2021

13th May, 2022

No. 526

APPOINTMENT OF ACTING
ACCOUNTANT GENERAL

THE Permanent Secretary in the Ministry for Finance and Employment has approved the following acting appointment:

13th May, 2022

No. 527

WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE

IT is notified that in exercise of such powers as provided by Article (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice appointed as Commissioners for Oaths, in the performance of their

fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, lill-imsemmija hawn taħt:

Uffiċjali/Impjegati Pubbliċi

Attard, is-Sur Joseph, Senior Manager, (Accounting and Finance), Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi

B'Awtorità
Dr Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja

It-13 ta' Mejju, 2022
MJEG 21/2021/5
MJEG 21/2022

duties and for as long as they remain in such office, the undermentioned:

Public Officers/Employees

Attard, Mr Joseph, Senior Manager (Accounting and Finance), Office of the Commissioner for Revenue

By Authority
Dr Jonathan Attard
Minister for Justice

13th May, 2022

Nru. 528

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili innominat lin-Nutar Dottor Michaela Fleri Soler bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dr Sara Ellul u dan għall-perjodu bejn l-1 ta' Ġunju, 2022 u s-6 ta' Ġunju, 2022.

Illum, 9 ta' Mejju, 2022.

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 528

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Michaela Fleri Soler to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Sara Ellul, for the period between the 1st June 2022 and the 6th June, 2022.

Today, 9th May, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LL.B. (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 529

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dr John Cachia Zammit bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dr Francesca Cachia Zammit u dan għall-perjodu bejn it-12 ta' Mejju, 2022 u l-15 ta' Mejju, 2022.

Illum, 12 ta' Mejju, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 529

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr John Cachia Zammit to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Francesca Cachia Zammit, for the period between the 12th May, 2022 and the 15th May, 2022.

Today, 12th May, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LL.B. (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 530

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Rapport Numru: 223/2022

B'DIGRIET tal-10 ta' Mejju, 2022, il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili ordnat il-waqfien b'seħħ immedjat tal-inabilitazzjoni parzjali tan-Nutar Dottor Joanne Cassar mill-eżerċizzju tal-professjoni nutarili ordnata bid-Digriet tagħha tas-6 ta' Mejju, 2022, stante li issa jirriżulta li l-istess Nutar Cassar ottemperat ruħha mal-Liġi u mal-Ordni ta' din il-Qorti, salv però l-ammenda li għaliha ġiet kundannata skont l-art. 94A (18) (a) tal-Kap. 55 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-istess Digriet.

Illum, 10 ta' Mejju, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 530

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Report Number: 223/2022

BY a Decree of the 10th of May, 2022, the Court of Revision of Notarial Acts ordered the immediate cessation of the partial incapacitation of Notary Dr Joanne Cassar from the exercise of the notarial profession ordered by the Decree of the 6th May, 2022, as it now appears that the same Notary Cassar complied with the Law and the Order of this Court, without prejudice however to the fine for which she was convicted under art. 94A (18) (a) of Cap. 55 of the Laws of Malta, by the same Decree.

Today, 10th May, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 531

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI (KAP. 363)

Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Sindku tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, skont is-Seba' Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali, John Pillow aċċetta il-kariga ta' Sindku għal-lokalità ta' Tas-Sliema fis-6 ta' Mejju, 2022.

It-13 ta' Mejju, 2022

No. 531

LOCAL COUNCILS ACT (CAP. 363)

Acceptance of Position of Mayor of Tas-Sliema Local Council

IT is hereby notified for general information that in terms of the Seventh Schedule of the Local Councils Act, John Pillow has accepted the position of Mayor for the locality of Tas-Sliema on the 6th of May, 2022.

13th May, 2022

Nru. 532

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI (KAP. 363)

Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Viċi Sindku tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, skont is-Seba' Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali, Anton Debono aċċetta l-kariga ta' Viċi Sindku għal-lokalità ta' Tas-Sliema fis-6 ta' Mejju, 2022.

It-13 ta' Mejju, 2022

No. 532

LOCAL COUNCILS ACT (CAP. 363)

Acceptance of Position of Deputy Mayor of Tas-Sliema Local Council

IT is hereby notified for general information that in terms of the Seventh Schedule of the Local Councils Act, Anton Debono has accepted the position of Deputy Mayor for the locality of Tas-Sliema on the 6th of May, 2022.

13th May, 2022

Nru. 533

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Sindku tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żebbuġ (Città Rohan)

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, skont is-Seba' Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali, Mark Camilleri aċċetta il-kariga ta' Sindku għal-lokalità ta' Ħaż-Żebbuġ (Città Rohan) fis-26 ta' April, 2022.

It-13 ta' Mejju, 2022

No. 533

LOCAL COUNCILS ACT
(CAP. 363)

Acceptance of Position of Mayor of Ħaż-Żebbuġ (Città Rohan) Local Council

IT is hereby notified for general information that in terms of the Seventh Schedule of the Local Councils Act, Mark Camilleri has accepted the position of Mayor for the locality of Ħaż-Żebbuġ (Città Rohan) on the 26th of April, 2022.

13th May, 2022

Nru. 534

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Viċi Sindku tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żebbuġ (Città Rohan)

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, skont is-Seba' Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali, Clive Azzopardi aċċetta l-kariga ta' Viċi Sindku għal-lokalità ta' Ħaż-Żebbuġ (Città Rohan) fis-26 ta' April, 2022.

It-13 ta' Mejju, 2022

No. 534

LOCAL COUNCILS ACT
(CAP. 363)

Acceptance of Position of Deputy Mayor of Ħaż-Żebbuġ (Città Rohan) Local Council

IT is hereby notified for general information that in terms of the Seventh Schedule of the Local Councils Act, Clive Azzopardi has accepted the position of Deputy Mayor for the locality of Ħaż-Żebbuġ (Città Rohan) on the 26th of April, 2022.

13th May, 2022

Nru. 535

RILAXX TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

BILLI bid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tat-23 ta' Novembru, 1989, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-30 ta' Novembru, 1989, taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 697, il-President ta' Malta kien iddikjara illi biċċa art fi Triq l-Għenieq, fin-Naxxar, tal-kejl ta' madwar 727 metru kwadru hawn taħt imsemmija kienet meħtieġa mill-Gvern kompetenti għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) u billi parti minn din l-art m'għadhiex aktar hekk meħtieġa, jiena hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtieġa mill-Awtorità kompetenti għal skop pubbliku u kif ukoll skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573) tal-Liġijiet ta' Malta.

It-13 ta' Mejju, 2022
(File No. L 749/85)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fin-Naxxar:

No. 535

RELEASE OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

WHEREAS by the Declaration of the President of Malta of the 23rd November, 1989, published in the Government Gazette of the 30th November, 1989, under Government Notice No. 697, the President of Malta had declared that the plot of land in Triq l-Għenieq, at Naxxar, of the area of about 727 square metres was required by the competent Government for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88), and whereas part of this land is no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose and also according to the Government Lands Act (Cap. 573) of the Laws of Malta.

13th May, 2022

Description of the Land

The following land at Naxxar:

Biċċa art tal-kejl ta' 4 metri kwadri, li tmiss mill-Punent u mix-Xlokk ma' triq pubblika u min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri.

Il-biċċa art hawn fuq imsemmija tidher murija bil-kulur ikħal fuq il-pjanta P.D. 165_89_4, li wieħed jista' jara fuq talba fl-uffiċċju tal-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

Id-9 ta' Mejju, 2022

A plot of land measuring 4 square metres, bounded on the west by a public road and on the south by property of unknown owners or more precise boundaries.

The abovementioned plot of land is shown with the colour blue on plan P.D. 165_89_4, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

9th May, 2022

Nru. 536

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI (KAP. 364)

Avviż skont l-Artikolu 61(1)

SKONT id-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 61(1) tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-Kummissarju tat-Taxxi b'dan jgħarraf lill-persuni msemmija aktar 'l isfel biex imorru fid-Dipartiment tal-Capital Transfers Duty, 46, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, sabiex jiġbru l-avviżi magħmula fuqhom.

No. 536

DUTY ON DOCUMENTS AND TRANSFERS ACT (CAP. 364)

Notice in terms of Article 61(1)

IN Terms of the proviso to article 61(1) of the Duty on Documents and Transfers Act, the Commissioner for Revenue hereby notifies the persons listed hereunder to call at the Capital Transfer Duty Department, 46, Triq il-Merkanti, Valletta, to collect the notices made on such persons.

Isem *Name*	Karta tal-Identità *ID Number*	Numru tat-Talba *Claim Number*
Cachia Edward	79781M	IV 150653
Tanti Matthew	35065M	IV 151038
Mallia Paul	11583M	IV 146534
Caruana Curran Joseph Junior	49883M	IV 151613
Caruana Curran Joseph Junior	49883M	IV 151616
Grech Rudy	165293M	IV 151715
Calleja Diane	505777M	IV 151716
Mckay Doris	342854M	IV 150908
Attard Roberta	377872M	IV 151618
Cutajar Brian	227379M	IV 150477
Curmi Carlos	353373M	IV 150480
Muscat Josef	48376M	IV 145505
Galea Marianna	493994M	IV 151033
Scicluna Mario	193485M	IV 150384
Scicluna Mario	193485M	IV 150604
Bugeja Charles	59958M	IV 146233
Tabone Anthony aka Tony	259765M	IV 143150
Borg Joseph Mary	574653M	IV 150260
Grima Taddeo	14658G	IV 151219

Isem *Name*	Karta tal-Identità *ID Number*	Numru tat-Talba *Claim Number*
Pejkic Sinisa	131855A	IV 151021
Deyana Petrova Cherneva	163823A	IV 143755
Testa Regina	886952633	IV 150148
Bugeja Saviour	887556208	IV 151058
C & M Contractors Limited	Roc. No. C30803	IV 151561
C & M Contractors Limited	Roc. No. C30803	IV 146386
C & M Contractors Limited	Roc. No. C30803	IV 145846
C & M Contractors Limited	Roc. No. C30803	IV 146388
East Gate Developments Limited et	Roc. No. C51140	IV 150607
East Gate Developments Limited et	Roc. No. C51140	IV 150597
K & M Contractors Limited	Roc. No. C39982	IV 150511
K & M Contractors Limited	Roc. No. C39982	IV 150507
Spiteri Anthony obo Tal-Ħerba Żwejt Limited	Roc. No. C89780	IV 144289
Spiteri Anthony obo Tal-Ħerba Żwejt Limited	Roc. No. C89780	IV 144291
A. I. M. High Property Limited	Roc. No. C81094	IV 146298
Samirjess Limited	Roc. No. C30716	IV 145900
Famknot Limited	Roc. No. C92525	IV 150018
Springboks Investments Limited	Roc. No. C36764	IV 149998
G. A. Investments Limited et	Roc. No. C30940	IV 144480
Decal Limited	Roc. No. C40066	IV 150058
E. C. Municipals Limited	Roc. No. C62598	IV 146187
Gerada Quality Construction Limited	Roc. No. C77842	IV 150389
Hayes Matthew	216670M	CM 055180
Zammit Armeni Fiona obo Mc Cheyne Dorothy	889519025	CM 029701
Spiteri Anthony	489257M	CM 054274

It-13 ta' Mejju, 2022

13th May, 2022

Nru. 537

AĠENZIJA GĦALL-ENERĠIJA U L-ILMA

Skema għas-Sostenn tal-Effiċjenza fl-Enerġija u fl-Ilma fi ħdan Organizzazzjonijiet Volontarji

B'REFERENZA għall-Iskema għas-Sostenn tal-Effiċjenza fl-Enerġija u fl-Ilma fi ħdan Organizzazzjonijiet Volontarji, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,850 tat-3 ta' Mejju, 2022, taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 468, ngħarrfu illi is-sistema ta' applikazzjonijiet online waqfet taċċetta iktar applikazzjonijiet minħabba li l-fondi għall-iskema huma allokati proviżorjament, soġġetti għal verifika u aċċettazzjoni tal-applikazzjonijiet sottomessi.

It-13 ta' Mejju, 2022

No. 537

THE ENERGY AND WATER AGENCY

Scheme to Sustain Energy and Water Efficiency within Voluntary Organisations

WITH reference to the Scheme to Sustain Energy and Water Efficiency within Voluntary Organisations, published in Government Gazette No. 20,850 of 3rd May, 2022, under Government Notice No. 468, it is being notified that the online application system is not accepting further application submissions since the funds for the scheme have been provisionally allocated, subject to review and acceptance of submitted applications.

13th Mejju, 2022

Nru. 538

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Assistenza Per Capita lill-Iskejjel Indipendenti fejn jidħlu Servizzi u Faċilitajiet neċessarji għall-Implimentazzjoni tar-Riformi Edukattivi Biex Uliedna Jirnexxu Lkoll

IL-MINISTRU tal-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni qiegħed iġedded din l-iskema li għandha l-għan li tipprovdi assistenza per capita lill-Iskejjel Indipendenti f'dak li għandhom x'jaqsmu servizzi u faċilitajiet relatati ma'dawn ir-riformi edukattivi li huma fl-interess nazzjonali għall-iżvilupp edukattiv sabiex l-istudenti f'dawn l-iskejjel ikunu jistgħu jibbenefikaw minn ambjent edukattiv tal-aqwa kwalità.

L-ISKEMA

1. Interpretazzjoni

F'din l-iskema sakemm il-kuntest ma jitlobx mod ieħor:

"applikant" tfisser persuna li fid-data tal-applikazzjoni hija rikonoxxuta bħala l-Kap tal-iSkola Indipendenti, jew tkun temporanjament fl-istess pożizzjoni u li f'isem l-iskola qiegħda tapplika għall-assistenza biex tkun tista' tibbenefika taħt din l-iskema;

"data effettiva" tfisser l-1 ta' Jannar, 2022;

"Malta" tfisser il-Gżejjer Maltin;

"riċevuta fiskali" tfisser riċevuta kif imfissra fit-Tlettax-il Skeda tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406), kif sussegwentement emendat, u tinkludi kull regolament magħmul taħt l-istess Att;

"skola indipendenti" tfisser:

(i) istituzzjoni lir-riżorsi tagħha, kemm ta' persuni u kemm ta' oġġetti, huma ordinati sabiex jitmexxew 'il quddiem l-edukazzjoni u t-taħriġ ta' persuni oħra permezz tat-tixrid tat-tagħrif u tkabbir tat-tagħlim skont l-artikolu 2 tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 605); u

(ii) istituzzjoni li tipprovdi edukazzjoni obbligatorja f'livell tal-kindergarten, primarju u/jew sekondarju; u

(iii) istituzzjoni li hi għal kollox konformi ma' dak stabbilit mill-Kurrikulu Minimu Nazzjonali u għaldaqstant mhux qed tapplika eżenzjonijiet minnu bi ftehim mad-

No. 538

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Per Capita Assistance to Independent Schools related to Services and Facilities required for the Implementation of Educational Reforms for All Children to Succeed

THE Minister for Education, Sport, Youth, Research and Innovation is extending this scheme that aims to provide per capita assistance to Independent Schools with regards to identified categories of services and facilities related to educational reforms in the interest of national educational development, so that learners in these schools may also benefit from the highest quality of educational environment.

SCHEME

1. Interpretation

In this scheme, unless the context otherwise requires:

"applicant" means a person, who on the date of application is officially recognised as the Head of the Independent School, or temporarily acting in that capacity, and on whose behalf such person is applying for the assistance which may be granted under this Scheme;

"effective date" means the 1st January, 2022;

"Malta" means the Maltese Islands;

"fiscal receipt" means a receipt as defined in the Thirteenth Schedule to the Value Added Tax Act (Cap. 406), as subsequently amended, and also includes any regulation made under the same Act;

"independent school" means:

(i) an institution the resources of which, both of persons and of things, are ordained towards the promotion of the education and training of other persons through the dissemination of knowledge in accordance with article 2 of the Education Act (Cap. 605); and

(ii) an institution providing compulsory education at kindergarten, primary and/or secondary level/s; and

(iii) an institution that is fully compliant with the National Minimum Curriculum is thus not applying specific waivers therefrom in agreement with the Directorate for Quality and

Direttorat għall-Kwalità u l-iStandards fl-Edukazzjoni, bħal fil-każ tal-iSkejjel Internazzjonali, u

(iv) istituzzjoni li diġà għandha liċenzja valida biex topera bħala skola skont kif inhu stabbilit fl-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 605) fid-data meta ssir l-applikazzjoni għall-Għotja;

'infiq eliġibbli' tfisser:

Servizzi relatati mal-bżonnijiet individwali tal-istudenti;
Investiment f'apparat tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni, softwer u liċenzji;
titjib fil-faċilitajiet tax-xjenza;
titjib fil-faċilitajiet sportivi; u
titjib fl-iżvilupp professjonali tal-għalliema fl-iskejjel indipendenti;
servizzi relatati b'mod dirett u raġonevoli ma' dak li ssemma' qabel, bħalma huma spejjeż tal-perit/inġinier/espert;

Xogħlijiet ta' natura kapitali u servizzi direttament relatati mat-titjib tal-kwalità tat-tagħlim. Dawn jistgħu jinkludu l-ispejjeż tal-fażi ta' kostruzzjoni/titjib u/jew il-fażi kompleta sabiex skola testendi u/jew itejjeb is-servizzi ta' tagħlim tagħha fil-livell primarju jew sekondarju, kif jista' jkun meħtieġ, u servizzi relatati direttament bħat-tariffi tal-ipproċessar tal-PA oriġinarjament previsti fl-istadji tal-ippjannar tax-xogħlijiet ta' natura kapitali.

Lista tal-spejjeż li ġabet magħha l-COVID-19, għas-sena 2022 biss. Il-lista li l-iskejjel huma ntitolati jonfqu minnha, ser tkun temporanjament miżjuda minħabba l-ispejjeż li ġabet magħha l-COVID-19. Din il-prattika, ser tingħata biss għas-sena 2022. In-nefqa tista' tvarja minn titjib ta' infrastruttura fl-iskola sa opportunitajiet kontinwi ta' tagħlim professjonali kemm għall-edukaturi kif ukoll għal dawk li qegħdin f' rwol ta' tmexxija fl-iskola. In-nefqa tista' wkoll tkopri riżorsi edukattivi kif ukoll għajnuna speċjalizzata psikosoċjali u/jew għajnuniet edukattivi professjonali oħra li huma relatati mat-titjib tal-proviżjoni tat-tagħlim tal-istudenti waqt il-perijodu tal-COVID-19.

Servizzi u xogħlijiet li saru sa mid-data effettiva tal-1 ta' Jannar 2022. Infiq marbut ma' vvjaġġar u akkomodazzjoni ma jitqiesx bħala infiq eleġibbli

2. Min jista' japplika għall-għajnuna taħt din l-iskema

Din l-iskema għandha x'taqsam mal-infiq eliġibbli minn skola Indipendenti fis-sena 2022. Wieħed għandu jifhem li fil-każ ta' dawk l-iskejjel li japplikaw għall-assistenza taħt xi tip ta' skema oħra mnedija mill-Gvern ma jkunux jistgħu jibbenefikaw minn assistenza għall-istess infiq taħt din l-iskema.

Standards in Education, as is the case with International Schools, and

(iv) an institution which already has a valid licence to operate as a school in full compliance of the Education Act (Cap. 605) as at the effective date of this Grant;

'eligible expenditure' means:

Services related to the individual needs of students;
investment in ICT hardware, software and IT licences;

improvement in science facilities;
improvement in sports facilities; and
improvement in the professional development of teachers in independent schools;
services directly and reasonably related to the above, such as architect/engineer/expert fees where applicable;

Works of a Capital Nature and services directly related to the improvement of the quality of teaching and learning. These may include the expenses of the construction / upgrading and/or completion phase incurred in order for a school to extend and/or enhance its teaching services in the primary or secondary level, as may be required, and directly related services, such as PA processing fees originally envisaged in the planning stages of the works of a capital nature.

List of expenditure for COVID-19 expanded for 2022 only – The eligible expenditure will be temporarily expanded during calendar year 2022 only and may vary from the physical infrastructure of the school to continuous professional development opportunities for educators/ educational leaders, from educational resources to specialised psychosocial and/or educational professional services or any other expenditure related to sustaining the educational provision of learners during the COVID -19 period.

Services and works carried out as from the effective date of 1st January 2022. Expenses related to travel and accommodation shall not be considered eligible expenditure.

2. Area of applicability

This scheme relates to eligible expenditure by an independent school carried out during 2022. It should be noted that schools that apply for assistance under any other Government scheme shall not benefit from assistance for the same expenditure under this scheme.

3. Kif wieħed japplika u dokumenti li għandhom jiġu pprovduti:

(i) Applikazzjonijiet taħt din l-iskema għandhom isiru fuq il-formola murija fl-iskeda li tinsab ma' din l-iskema u għandu jkun fihom dak it-tagħrif, dettalji u dokumenti kollha kif meħtieġ fl-imsemmija formola u skont din l-iskema.

(ii)Applikazzjonijiet għandhom ikunu akkumpanjati mid-dokumenti murija hawn taħt:

(a) kopja tal-Karta tal-Identità tal-applikant jew fin-nuqqas tal-Karta tal-Identità xi tip ta' dokument uffiċjali ieħor li jiddentifika lill-applikant;

(b)) l-irċevuta/i fiskali oriġinali u l-invoices kummerċjali awtentikati mill-Kap tal-Iskola u, fejn japplika, minn perit bil-warrant;

(i) Applikazzjonijiet taħt din l-iskema għandhom isiru fuq il-formola murija fl-iskeda li tinsab ma' din l-iskema u għandu jkun fihom dak it-tagħrif, dettalji u dokumenti kollha kif meħtieġ fl-imsemmija formola u skont din l-iskema.

(ii) Applikazzjonijiet għandhom ikunu akkumpanjati mid-dokumenti murija hawn taħt:

(c) kopja tal-Karta tal-Identità tal-applikant jew fin-nuqqas tal-Karta tal-Identità xi tip ta' dokument uffiċjali ieħor li jidentifika lill-applikant;

(d)) l-irċevuta/i fiskali oriġinali u l-invoices kummerċjali awtentikati mill-Kap tal-Iskola u, fejn japplika, minn perit bil-warrant;

Fil-każ ta' għamara u tagħmir li saret referenza għalihom fl-interpretazzjoni ta' "xogħlijiet ta' natura kapitali", u li ma jinxtrawx minn Malta, l-irċevuti oriġinali tax-xiri ta' dawn l-oġġetti maħruġin mill-fornitur flimkien ma' 'delivery note/s', prova dokumentata oriġinali li l-ħlas finali sar, u approvazzjoni minn Maltapost/id-Dipartiment tad-Dwana ta' Malta, skont il-bżonn. Dawn id-dokumenti jridu jikkonfermaw li dawn l-oġġetti fil-fatt inxtraw; li l-ispejjeż tax-xiri, inkluż fejn japplika l-ispejjeż tad-dazju u tal-VAT tassew tħallsu b'mod sħiħ; u li dan ix-xiri sar mill-iskola li qed tapplika għall-għotja taħt din l-iskema għall-istess skola. Dawn l-oġġetti mixtrija jridu jkunu konformi mar-regolamenti dwar l-istandards tas-sigurtà tal-UE.

Dawn id-dokumenti jridu jkunu ffirmati mill-Kap tal-Iskola.

(e) fejn japplika, ċertifikat uffiċjali maħruġ mill-perit bil-warrant biex jikkonferma li x-xogħlijiet eliġibbli ta'

3. Manner of application and supporting documents required:

(i) Applications under this scheme are to be made on the form set out in the schedule to this scheme and to contain all the information, details and documents as required in the said form and in terms of this scheme.

(ii) Applications are to be accompanied by the documents shown hereunder:

(a) a copy of the Identity Card of the applicant or, in the absence of an Identity Card, any other official document that identifies the applicant;

(b) the original fiscal receipt/s as well as the commercial invoices authenticated by the Head of School and, where applicable, by a warranted architect;

(i) Applications under this scheme are to be made on the form set out in the schedule to this scheme and to contain all the information, details and documents as required in the said form and in terms of this scheme.

(ii) Applications are to be accompanied by the documents shown hereunder:

(c) a copy of the Identity Card of the applicant or, in the absence of an Identity Card, any other official document that identifies the applicant;

(d) the original fiscal receipt/s as well as the commercial invoices authenticated by the Head of School and, where applicable, by a warranted architect;

In the case of school furniture, equipment and software that fall within eligible expenditure, and which items are not purchased from Malta, the original invoices of the purchase of such items issued by the supplier together with the delivery note/s, the original documentary proof that final payment has been effected, and clearance from Maltapost/Department of Customs Malta, as may be required. These documents must confirm that such items were really purchased; the expenditure costs, and which costs include duty and VAT as may be required, were really paid in full; and that such purchase was effected by the school applying for the grant under this scheme for the same school. Such purchased items must also conform to EU standard safety regulations, as may be required.

These documents are to be endorsed by the Head of School;

(e) where applicable, an official certificate issued by the warranted architect confirming that the eligible works of

natura kapitali kif deskritti fl-applikazzjoni huma konformi mar-regoli u l-liġijiet kollha eżistenti, u skont il-permessi neċessarji maħruġa mill-PA, kif ukoll il-kunsens ta' terzi persuni, jekk u kif hu mitlub biex isiru x-xogħlijiet,

(d) fejn japplika, kopja uffiċjali tal-permess maħruġ mill-PA fuq xogħlijiet ta' natura kapitali kif tniżżlu fl-applikazzjoni;

(f) fejn japplika, kopja uffiċjali tal-PA Compliance Certificate tax-xogħlijiet ta' natura kapitali kif imsemmija;

(g) kull tip ta' dokument ieħor li l-Ministru tal-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni jista' jitlob minn żmien għal żmien.

(iii) Ikunu jikkwalifikaw għall-għajnuna msemmija fi Klawsola 5 ta' din l-iskema dawk l-applikazzjonijiet biss li jkunu jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet kollha ta' din l-iskema.

(iv) Applikazzjonijiet taħt din l-iskema, flimkien mad-dokumenti sottomessi ma' din l-applikazzjoni għandhom jingiebu fiżikament lid-Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni, Triq Joseph Abela Scolaro, Ħamrun, mhux inqas tard minn tliet xhur tad-data li tindika x-xogħlijiet fl-iskola saru jew li nxtraw is-servizzi mill-iskola kif murija mid-data tal-aħħar irċevuta relatata. Madanakollu waqt il-perjodu ta' bejn il-bidu u t-tmiem tat-tali xogħlijiet, applikazzjoni għal għotjiet li għandha x'taqsam mat-tkomplija tad-diversi fażijiet tat-tali xogħlijiet tkun ikkunsidrata wkoll.

4. Ħlas għall-Assistenza *Per Capita* taħt din l-Iskema

Il-fondi jiġu allokati bħala rifużjoni tal-irċevuti eliġibbli, u skont in-numru ta' studenti rreġistrati fil-bidu ta' kull sena skolastika kif approvat uffiċjalment mid-Direttorat tal-Kwalità u l-iStandards fl-Edukazzjoni. L-allokazzjoni massima kull sena hija hekk:

€95 għal kull wild fil-kindergarten;

€145 għal kull student fl-iskola primarja

€170 għal kull student fl-iskola sekondarja (jiġifieri inkluża l-Form 5).

5. Data tal-Għeluq tal-applikazzjonijiet

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu sal-1 ta' Novembru tas-sena meta s-servizz jew ix-xogħol, jew parti

a capital nature as described in the application form are in conformity with all the existing regulations and laws, and in accordance with the necessary permits issued by PA, as well as the consent of third parties, if and as may be required for the works to be carried out;

(d) where applicable, an officially endorsed copy of the PA approval of the works of a capital nature as described in the application form;

(f) where applicable, an officially endorsed copy of the PA Compliance Certificate of the said works of a capital nature;

(g) any other document which the Minister for Education, Sport, Youth, Research and Innovation may, from time to time, require.

(iii) Only those applications that are in conformity with all the provisions of this scheme shall be eligible for payment of the assistance referred to in Clause 5 of this scheme.

(iv) Applications under this scheme, including the documents that are to be submitted with the application shall be submitted by hand to the Directorate for Quality and Standards in Education, Joseph Abela Scolaro street Ħamrun, by not later than three months from the completion date of the works undertaken by the school or services bought by the school as evidenced by the date of the last relevant receipt. However, during the period between the commencement of such works and their termination, application for grants related to the termination of the various phases of such works shall also be considered.

4. Per Capita Assistance payable under this Scheme

Funds shall be allocated in the form of reimbursement of receipts that are eligible as per sections 1, 2 and 3 above, and according to the number of registered pupils at the beginning of each scholastic year as officially approved by the Directorate for Quality and Standards in Education. The maximum yearly allocation of funds shall be as follows:

€95 for every child in kindergarten;

€145 for every pupil in primary school;

€170 for every pupil in secondary school (i.e. up to and including Form 5).

5. Deadlines for submission of applications

Applications should be submitted by the 1st of November of the year in which the service or work, or part thereof

minnu skont klawżola 3 (iv) ta' din l-iskema, ikun tlesta. Applikazzjonijiet li jiġu sottomessi wara din id-data jitqiesu għal rifużjoni, fejn hu applikabbli, fis-sena ta' wara, fil-perjodu tal-iskema. Fondi li ma jintużawx f'sena partikolari ma jinġemgħux mal-fondi tas-sena ta' wara.

6. Ħlas ta' fondi

I1-fondi jingħataw lill-applikant bħala tranżazzjoni bankarja.

7. Validità tal-applikazzjoni

Ma titqiesx li tkun saret applikazzjoni kemm-il darba din ma tkunx kompluta, sħiħa u dettaljata f'kull aspett materjali tagħha, ma jkunx fiha t-tagħrif kollu meħtieġ, u ma jkollhiex mehmuża magħha d-dokumentazzjoni kollha mitluba

8. Dritt ta' Appell

Applikanti li l-applikazzjoni tagħhom jew parti minnha ma tkunx approvata mid-Direttur Ġenerali, Direttorat għall-Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni jkunu informati dwar dan fi żmien xahar mid-data li tiġi sottomessa l-applikazzjoni, u jkollhom id-dritt li jappellaw minn din id-deċiżjoni bil-kitba mas-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni. Appelli bħal dawn iridu jsiru sa mhux iktar tard minn 15-il ġurnata kalendarja wara li tiġi komunikata n-nuqqas ta' approvazzjoni tad-Direttur DQSE. Id-deċiżjoni tas-Segretarju Permanenti (MEYR) tkun finali.

9. Tul tal-iSkema

Din l-iskema tibqa' valida sal-31 ta' Diċembru, 2022 u wara din id-data ma tibqax fis-seħħ. Din l-iskema tista' tiġi mwaqqfa qabel id-data msemmija permezz ta' Notifikazzjoni mill-Gvern, u terġa' tiġġedded għal perjodi oħra skont avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Amendi għal din l-Iskema

Il-Ministru responsabbli għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni jżomm id-dritt li jagħmel emendi għal din l-iskema billi jippubblika l-istess emendi fil-Gazzetta tal-Gvern.

SKEDA

Ara l-formola tal-applikazzjoni f'paġni 8148 sa 8151.

It-13 ta' Mejju, 2022

according to clause 3 (iv) of this scheme, was carried out. Applications submitted after this date shall where applicable be considered for reimbursement during the following year, within the lifetime of the Scheme. Funds not used in one year cannot be carried over to the following year.

6. Payment of funds

The funds shall be paid to the applicant through bank transactions.

7. Validity of application

An application shall not be deemed to have been submitted unless it is full and complete in all material respects and unless it contains all the information and is accompanied by all the documentation requested.

8. Right of Appeal

Applicants whose applications or part thereof are not approved by the Director General, Directorate for Quality and Standards in Education shall be so informed within one month of date of submission of application, and shall have the right to appeal this decision in writing with the Permanent Secretary, Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation. Such appeals must be made not later than 15 calendar days after the communication of non-approval by the Director DQSE. The decision of the Permanent Secretary (MEYR) shall be final.

9. Duration of the Scheme

This Scheme shall remain in force till the 31 December, 2022 and shall cease thereafter to be in force. This scheme may be terminated before that date by means of a Notice in the Government Gazette, and may be renewed for further periods through a similar Notice.

10. Amendments to the Scheme

The Minister responsible for Education, Sport, Youth, Research and Innovation shall have the right to make any amendments to this scheme by the publication of the said amendments in the Government Gazette.

SCHEDULE

See application form on page 8152 to 8155.

13th May, 2022

Numru ta’ Referenza

XX/2022

Assistenza *Per Capita* lill-lskejje1 Indipendenti
Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni, Triq Joseph Abela
Scolaro,Ħamrun.

APPLIKAZZJONI GĦALL-ASSISTENZA PER CAPITA LILL-ISKEJJEL INDIPENDENTI RELATATA MA’ SERVIZZI U FAĊILITAJIET GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAR-RIFORMI EDUKATTIVI BIEX ULIEDNA JIRNEXXU LKOLL

Jiena _____ (isem u kunjom b’ittri kbar), numru ta’ I.D._____ u li noqgħod

_____

_____

_____

(niżżel l-indirizz fejn toqgħod)

qiegħed, bħala l-Kap ta’ din l-iskola

_____

_____

_____

(niżżel 1-isem ta1-iskola u 1-indirizz)

napplika għar-rifużjoni tal-ispejjeż eliġibbli li saru mill-iskola hawn fuq imsemmija fil-kuntest tal-assistenza *per capita* lill-iskejjel Indipendenti relatati ma’ servizzi u faċilitajiet għall-implimentazzjoni tar-riformi biex uliedna jirnexxu lkoll.

(Agħti deskrizzjoni konċiża u preċiża tas-servizzi u/jew xogħlijiet relatati li saru u tħallsu u, fejn japplika, 1- indirizz fejn sar il-proġett. Tista' tehmeż paġni oħra ma' din l-applikazzjoni):

_____

_____

_____

_____

_____

_____

_____

_____
Firma u timbru uffiċjali tal-Kap tal-iskola

Din l-iskola għandha liċenzja valida maħruġa mid-Direttorat għall-Kwalità u l- Istandards fl-Edukazzjoni bħala Skola li tipprovdi edukazzjoni ta' livell obbligatorju, u hija għal kollox konformi mal-kondizzjonijiet tal-liċenzja. Id-Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni jikkonferma li s-servizzi u/jew xogħlijiet kollha li saru mill-Iskola u kif deskritti f din l-applikazzjoni jinħtieġu għall-implimentazzjoni tar-riformi edukattivi biex uliedna jirnexxu lkoll.

_____
Firma u timbru uffiċjali tad-Direttur għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni

Is-servizzi u/jew xogħlijiet ta' natura kapitali kif deskritti hawn fuq saru matul il-perjodu (*niżżel id-dati)* _____ u l-valur totali ta' l-ispejjeż eliġibbli huma ta' Euro _____

Meta wieħed iqis l-assistenza finanzjarja li l-iskola hija eliġibbli għaliha taħt din l-iskema, permezz ta' din l-applikazzjoni qed nitlob rifużjoni għas-somma ta' Ewro _____.

Qed nibgħat wkoll id-dokumenti kollha meħtieġa biex nissostanzja din it-talba.

In-numru/i tal-irċevuta/i fiskali huma *(hemeż l-ittra ta' rikonoxximent):*

_____

_____

_____

Nitlob sabiex l-għotja titħallas lura kif jidher hawn taħt:

Isem _____

Indirizz _____

_____

Din il-għotja ma tinkludi l-ebda ammont li jkun jikkwalifika bħala tnaqqis tal-VAT taħt l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap 406). Din l-iskola, kif suppost u legalment rappreżentata, tkun meqjusa responsabbli għat-talbiet magħmula taħt din l-applikazzjoni.

Bl-istess mod, din ir-rifużjoni m'għandhiex tinkludi spejjeż li għalihom l-iskola bbenefikat, jew applikat biex tibbenefika, minn assistenza għall-istess spejjeż taħt xi skema ohra. Din l-iskola, kif suppost u legalment rappreżentata, tkun meqjusa responsabbli għat-talbiet magħhmula taħt din l-applikazzjoni.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-iSport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, jista' jieħu kwalunkwe azzjoni sabiex jassigura li l-ebda għotja ma tkun saret b'mod irregolari, jew fejn ma jkunx hemm dritt għat-talba għal din l-għotja.

Jien niddikjara li d-dettalji u l-informazzjoni f'din l-applikazzjoni huma korretti. Niddikjara wkoll li din it-talba hija waħda finali u li jien awtoriżżat/a biex nirċievi l-pagament f'isem din l-iskola.

_____	_____	_____	_____
Isem l-applikant	Titlu	Firma	Nru tat-Telefon / *mobile*

Data _____

Din l-applikazzjoni għandha tkun indirizzata lid-Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni, Triq Joseph Abela Scolaro, Ħamrun, flimkien mad-dokumenti meħtieġa fi żmien tliet xhur mid-data ta' tlestija tas-servizzi u/jew xogħlijiet relatati, kif murija mid-data tal-aħħar irċevuta relatata.

Id-dokumenti hawn taħt imsemmija qed jiġu sottomessi ma' din l-applikazzjoni:-

(a) kopja tal-Karta tal-Identità tal-applikant jew fin- nuqqas tal-Karta tal-Identità xi tip ta' dokument uffiċjali ieħor li jidentifika lill-applikant;

(b) l-irċevuta/i fiskali oriġinali u l-invoices kummerċjali awtentikati mill-Kap tal-Iskola u, fejn japplika, minn perit bil-warrant;

(ċ) fejn japplika, ċertifikat uffiċjali maħruġ mill-perit bil-warrant biex jikkonferma li x-xogħlijiet eliġibbli ta' natura kapitali kif deskritti fl-applikazzjoni huma konformi mar-regoli u l-liġijiet kollha eżistenti, u skont il-permessi neċessarji maħruġa mill-PA, kif ukoll il-kunsens ta' terzi persuni, jekk u kif hu mitlub biex isiru x-xogħlijiet.

Fil-każ ta' għamara u tagħmir li saret referenza għalihom fi-interpretazzjoni ta' "xogħlijiet ta' natura kapitali", u li ma jinxtrawx minn Malta, l-irċevuti oriġinali tax-xiri ta' dawn l-oġġetti maħruġin mill-fornitur flimkien ma' 'delivery note/s', prova dokumentata oriġinali li l-ħlas finali sar, u approvazzjoni minn Maltapost/id- Dipartiment tad-Dwana ta' Malta, skont il-bżonn. Dawn id-dokumenti jridu jikkonfermaw Ii dawn l-oġġetti fil-fatt inxtraw; li l-ispejjeż tax-xiri, inkluż fejn japplika l - ispejjeż tad-dazju u tal-VAT tassew tħallsu b' mod sħiħ; u li dan ix-xiri sar mill-iskola li qed tapplika għall-għotja ta' din l-iskema għall-istess skola. Dawn l-oġġetti mixtrija jridu jkunu konformi mar-regolamenti dwar l-istandards tas-sigurtà tal-UE. Dawn id-dokumenti jridu jkunu ffirmati mill-Kap tal-Iskola.

(d) fejn japplika, kopja ufficjali tal-perrmess maħruġ mill-PA fuq xogħlijiet ta' natura kapitali kif tniżżlu u fl- applikazzjoni
(e) fejn japplika, kopja ufficjali tal-PA Compliance Certificate tax-xogħlijiet ta' natura kapitali kif imsemmija.

Meta ma jistax jiġi pprovdut il-Compliance Certificate tal-PA għal raġunijiet mhux relatati mal-ispiża kapitali li għaliha qed issir it-talba permezz ta' din l-applikazzjoni, u dawn ir-raġunijiet ma jfixklux il- proviżjoni effettiva tal-edukazzjoni obbligatorja skont l-istandard mitlub mid-Direttorat għall-Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni, l-applikant jipproduċi dikkjarazzjoni minn perit b'warrant li tispjega għaliex din it- talba għandha tiġi kkonsidrata.

It-tagħrif personali mogħti fuq din il-formola huwa protett u użat skond l-Att Dwar il-Protezzjoni u l- Privatezza tad-Data. It-tagħrif mogħti fuq din l-appłikazzjoni jista' jingħata mingħajr restrizzjoni lill- istrutturi ta' kontabilità tal-Gvern u lill-Kamra tar-Rappreżentantanti.

Reference Number

XX/2022

Per Capita Assistance to Independent Schools
Directorate for Quality and Standards
in Education
Joseph Abela Scolaro street Ħamrun,

Application for *Per Capita* Assistance to Independent Schools related to Services and Facilities required **for the Implementation of Educational Reforms for All Children to Succeed.**

I, _____ *(name and surname in block letters)* ,

ID card number _____ and residing at _____

_____

_____

_____

(please write your address)

as Head of the following School:

_____

_____

_____

(name and address of the School in block letters)

wish to apply for reimbursement of eligible expenditure incurred by the above mentioned School with respect to the *per capita* assistance to Independent Schools related to services and facilities required for the implementation of educational reforms for all children to succeed.

(Give a brief and concise description of the services and or works involved and paid for. and, where applicable, the location where such works have been carried out, giving the address. ***You may attach additional sheets*** **to** ***this application form):***

Official rubber stamp and signature of the Head of School

This School has a valid licence with the Directorate for Quality and Standards in Education as a School providing compulsory education provision, and is fully compliant with the relevant licence conditions. The Directorate for Quality and Standards in Education confirms that all the services and/or works undertaken by this School as described in this application form are required for the implementation of educational reforms for all children to succeed.

Signature and official rubber stamp of the Director, (Quality and Standards in Education)

The services and/or works as described above were carried out during the period *(give dates)* _____ and the total eligible costs involved were Euro_____

Considering the financial assistance that the school is eligible to under this Scheme, through this application 1 am requesting as reimbursement the sum of Euro_____.

I am also submitting documentary evidence regarding settlement of such costs incurred. Fiscal receipt/s and commercial invoice number/s are *(Attach the acknowledgement form to this application form)*

I request that payment of the reimbursement, as per modalities and with the ceilings of this Scheme, will be made to the following address:

Name _____

Address _____

_____

This reimbursement shall not include any amount which would qualify to be claimed as a deduction of input VAT under the Value Added Tax Act (Cap. 406). This School, as duly and legally represented, shall be held responsible for any claims made under this application.

Similarly, this reimbursement shall not include expenditure for which the school has benefited from, or has applied for, assistance for the same expenditure under another scheme. This School, as duly and legally represented, shall be held responsible for any such claims made under this application.

The Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation may take any action to safeguard that no reimbursement is madeirregularly or where there is no right for such claim.

I declare that the details and the information in this application are correct. I also declare that this claim is final and that I am duly authorised to receive the payment on behalf of this School.

Name of applicant	Designation	Signature	Tel. Number / *mobile*

Date _____

This application, together with all the relevant documents, is to be submitted are to be submitted with the application shall be submitted by hand to the Directorate for Quality and Standards in Education, Joseph Abela Scolaro street Ħamrun within three months from the completion of the related services and/or works as evidenced by the date of the last relevant receipt.

The following documents are being submitted with this application form:

(a) a copy of the Identity Card of the applicant or, in the absence of an Identity Card, any other official document that identifies the applicant;

(b) the original fiscal receipt/s as well as the commercial invoices authenticated by the Head of School and, where applicable, by a warranted architect;

(c) where applicable, an official certificate issued by the warranted architect confirming that the eligible works of a capital nature as described in the application form are in conformity with all the existing regulations and laws, and in accordance with the necessary permits issued by PA, as well as the consent of third parties, if and as may be required for the works to be carried out;

In the case of school furniture, equipment and software that fall within eligible expenditure. and which items are not purchased from Malta, the original invoices of the purchase of such items issued by the supplier together with the delivery note/s, the original documentary proof that final payment has been effected, and clearance from Maltapost/Department of Customs Malta, as may be required. These documents must confirm that such items were really purchased; the expenditure costs, and which costs include duty and VAT as may be required, were really paid in full; and that such purchase was effected by the school applying for the grant under this scheme for the same school. Such purchased items must also conform to EU standard safety regulations, as may be required.

(d) where applicable, an officially endorsed copy of the PA approval of the works of a capital nature as described in the application form;

(e) where applicable, an officially endorsed copy of the PA Compliance Certificate of the said works of a capital nature;

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. ikunu profiċjenti fil-lingwa Maltija u fil-lingwa Ingliża; u

iii. ikollhom kwalifika rikonoxxuta ta' Masters fil-Livell 7 tal-MQF (suġġett għal mimimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET kew ekwivalenti, fil-European Studies jew International Relations jew Economics jew Statistics jew Accountancy jew kwalifika professjonali komparabbli f'Livell 7 tal-MQF.

in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations' .

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. must be proficient in the Maltese language and English language; and

iii. in possession of a recognised Masters degree at MQF Level 7 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in European Studies or International Relations or Economics or Statistics or Accountancy or a recognised comparable professional qualification at MQF Level 7.

*Fin-nuqqas ta' evidenza dokumentata rigward il-kretti tal-ECTS/ECVET jew ta' xi sistema oħra li permezz tagħha tista' tikkumpara l-kontenut tal-kors, il-bord tal-għażla għandu jevalwa l-programm ta' studji sottomess u jiddetermina jekk tali programm hux komparabbli ma 60 krettu tal-ECTS/ECVET. Il-parir tal-MQRIC jista' jintalab għal dan l-eżercizzju.

iv. Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal din il-pożizzjoni iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.

5.2 (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat.

(ii) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

5.3 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

5.4 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'din il-pożizzjoni, skont 5.1 sa 5.3 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

5.5 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-Bord tal-Għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippubblikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant), jew lill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-

* In absence of documentary evidence as to the ECTS/ECVET credits or other system of measuring the course content, the selection board is to evaluate the submitted programme of study and determine that it is comparable to 60 ECTS/ECVET credits. The advice of the MQRIC may be sought.

iv. Public Officers applying for this position must be confirmed in their current appointment.

5.2 (i) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

(ii) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications.

5.3 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by HR Unit of the ministry/department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

5.4 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 5.1 to 5.3 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

5.5 Applicants are obliged to immediately inform the Selection Board (if result has not yet been published, in which case the application should be withdrawn by the applicant) or the HR Unit within the issuing ministry/department (if result has been published) upon any change in the status of their appointment from the date of submission of their application until the closing date, or upon being called for appointment as a result, of this call for application, as the case may be. Non-observance of this instruction may lead to disciplinary action. On its part, at the start of the interview, the Selection Board will request the candidate to declare any

intervista, il-Bord tal-Għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

5.6 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/ jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

6.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 5.1 sa 5.5, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

7.3 Ir-riżultat jibqa validu għal perjodu ta' sena.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

8.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Mejju, 2022. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

changes in status of his/her current appointment from the date of submission of application.

5.6 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documents

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

7.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the position. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 5.1 to 5.5, have proven relevant work experience.

7.3 The result will be valid for a period of one (1) year.

Submission of Applications

8.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Director Corporate Services, Ministry for the National Heritage, the Arts and Local Government through the Online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of 27th May, 2022. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

8.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

8.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

8.4 L-applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
il-proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
eżami mediku;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati; żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf) jew jinkisbu mid-Direttorat Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, 35, Triq l-Ifran, Il-Belt Valletta. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Direttorat huma (www.mhal.gov.mt) u (hr.dlg@gov.mt).

8.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

8.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latter, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
the submission of recognition statements in respect of qualifications;
the publication of the result;
the process for the submission of petitions concerning the result;
medical examination;
access to application forms and related details; retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf) or may be obtained from the Corporate Services Directorate, Ministry for the National Heritage, the Arts and Local Government, 35, Triq l-Ifran, Valletta. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Directorate are (www.mhal.gov.mt) and (hr.dlg@gov.mt).

It-13 ta' Mejju, 2022

13th May, 2022

Għotjiet min-Norveġja
Sostnuti mill-Poplu Norveġiż, permezz ta' Għotjiet min-Norveġja

Norway Grants
Supported by the People of Norway, through the Norway Grants

FORZI ARMATI TA' MALTA

Post ta' Uffiċjal Legali (non-combatant) fil-Forzi Armati ta' Malta

(Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv Kurrenti, nomenklatuti li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil)

1. Il-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Uffiċjal Legali (non-combatant) fil-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta.

ARMED FORCES OF MALTA

Post of Legal Officer (non-combatant) in the Armed Forces of Malta

(In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclature denoting the male gender includes also the female gender)

1. The Commander Armed Forces of Malta invites applications for the post of Legal Officer (non-combatant) in the Regular Force of the Armed Forces of Malta.

2. Għaldaqstant qed jintlaqgħu applikazzjonijiet mingħand kandidati li jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

a. Nazzjonalità – Ċittadini ta' Malta;

b. Età – L-applikanti m'għandhomx ikunu għalqu t-30 sena sal-aħħar tas-sena 2022; jew, applikanti li servew jew qed iservu f'Korp Dixxiplinat ieħor irid jiġi aċċertat li meta jkunu laħqu l-25 sena ta' servizz in totali, ma jkunux għalqu l-età ta' 55 sena.

c. Medika – Ikunu b'saħħithom biex jaqdu dmirijiet skont il-livelli tal-Forza Regolari;

d. Professjonali u akkademiċi – Għandu jkollhom Doctor of Laws degree jew Masters in Advocacy u Warrant mill-President ta' Malta sabiex jipprattikaw il-liġi f'Malta. Masters Degree, preferibilment fil-Liġi Marittima, jiġi kkunsidrat bħala vantaġġ.

e. Karattru morali tajjeb – L-applikanti jagħtu l-kunsens tagħhom lill-Pulizija ta' Malta biex jgħaddu lill-FAM ir-rekord kriminali tagħhom. L-applikanti għandhom japplikaw fil-Kwartieri Ġenerali tal-Forzi Armati ta' Malta u jħallsu l-pagament dovut, sabiex ir-reġistru sħiħ tal-kundanni kriminali (Fedina Penali) jiġi mogħti lill-FAM għal raġunijiet ta' verifika.

Il-verifika tkun skont il-policies tal-FAM. L-FAM iżommu d-dritt li jannullaw ir-riżultat ta' xi kandidat li jkun għadda mill-Proċess ta' Selezzjoni, jekk f'xi ħin jinstab li għandu rekord kriminali li mhux aċċettabli, jew inkella jkun tkeċċa mill-Forzi Armati, jew minn xi Korp iddixxiplinat ieħor.

L-applikanti jridu jipproduċu ittra ta' referenza tal-karattru tagħhom.

3. L-Uffiċjal Legali jkun normalment responsabbli lejn il-Kmandant jew ir-rappreżentant tiegħu. Id-dmirijiet ewlenin tiegħu jinkludu dan li ġej:

a. Jagħti pariri legali awtorevoli fuq l-aġġornar ta' leġiżlazzjoni, inkluż il-kitba ta' abbozzi ta' liġijiet, kif ukoll jirrevedi policy issues rilevanti u kwalunkwe xogħol ieħor relatat għal eżiġenza tas-servizz;

b. Jagħti pariri lill-Kmandant dwar l-implikazzjonijiet potenzjali ta' liġijiet u regolamenti ġodda jew proposti ta' tibdil f'dawk digà eżistenti;

c. Imexxi xogħol ta' riċerka, jagħmel analiżi, jikteb rapporti u jagħmel rappreżentazzjonijiet bil-fomm jew bil-kitba skont ma jkun meħtieġ minnu;

d. Jibni database ta' rappurtaġġ li tinkludi rekord tal-obbligi kollha li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Forzi Armati ta' Malta;

2. Applications are therefore invited from candidates who satisfy the following criteria:

a. Nationality – Citizens of Malta;

b. Age – Applicants must not have reached the age of 30 by the end of year 2022; or, those applicants who have served, or are serving in another Disciplined Force with reckonable service must not attain 55 years of age prior reaching the 25 years service.

c. Medical – Be certified fit for duty to Regular Force Standards;

d. Professional and academic – Must be in possession of a Doctor of Laws degree or Masters in Advocacy and Warrant from the President of Malta as required to practice Law in Malta. Possession of a Masters Degree, preferably in Maritime Law, shall be considered an asset.

e. Good moral character – Applicants shall be required to give their consent to the Malta Police to provide the AFM with their criminal records. Applicants are to apply at the Armed Forces of Malta Headquarters and pay the applicable fee so that the complete record of criminal convictions (Fedina Penali) is made available to the AFM for vetting purposes.

Applicants shall be vetted in accordance with AFM policies. The AFM reserves the right to annul the result of the Selection Process of any successful candidate who at any time is found to have an unacceptable criminal record or has been dismissed from the AFM or any disciplined Force.

Applicants must present a character reference letter.

3. The Legal Officer shall report to the Commander through the Senior Legal Officer. The Officer's main duties include the following:

a. Providing authorative legal advice on updating of legislation, including drafting of laws, and the review of relevant policy issues, and any other matter in accordance to the exigencies of the service;

b. Advising the Commander on the potential implications of proposed new laws, regulations or changes to those already in existence;

c. Leading research work, performing analyses, drawing up reports and making oral and written representations as may be required in his/her field of work;

d. Building up a reporting database which includes a record of all reporting obligations within the Armed Forces of Malta's remit;

e. Jagħti pariri u jassisti fl-aspetti legali, ix-xogħlijiet li jitwettqu minn uffiċjali oħra fit-taqsimiet li hemm fil-Forza;

f. Jirrappreżenta l-Forza quddiem il-Qrati Inferjuri u Superjuri u kwalunkwe tribunal, bord jew awtorità oħra;

g. Jagħti pariri legali lill-Forza, inkluż barra ħinijiet uffiċjali tax-xogħol, skont il-ħtiġiet tas-servizz;

h. Kwalunkwe xogħol ieħor li jista' jiġi assenjat mill-Kmandant.

4. Il-kwalifiki u l-esperjenza jridu jkunu sostnuti b'ċertifikati u/jew testimonjanza, li kopji tagħhom iridu jkunu annessi mal-applikazjoni.

5. Ċertifikati oriġinali u/jew testimonjanza jridu jiġu ppreżentati għall-verifika waqt l-intervista.

6. Fejn jikkonċerna kwalifiki addizzjonali sottomessi b'rispons għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom jagħtu ċertifikat ta' rikonoxximent maħruġ jew miċ-Ċentru Malti ta' Informazzjoni dwar il-Kwalifiki (MQRIC) fi ħdan in-National Commission for Further and Higher Education (NCFHE), jew minn kwalunkwe awtorità oħra mwaqqfa għal dan il-għan. Dan iċ-ċertifikat għandu jiġi mehmuż mal-applikazzjoni u jingħata waqt l-intervista.

a. Dawk l-applikanti li m'għandhomx dan iċ-ċertifikat jistgħu xorta japplikaw, basta jipprovdu kopja tad-dikjarazzjoni lill-Forzi Armati ta' Malta kif tkun f'idejhom, iżda dan mhux aktar tard mid-data tal-intervista.

b. Applikanti jiġu eżentati miċ-ċertifikati imsemmija hawn fuq jekk ikollhom kwalifiki miksuba minn universitajiet akkreditati jew istituzzjonijiet akkreditati.

c. F'każi ta' dubju, madankollu, il-Bord tal-Għażla jista' jwarrab din l-eżenzjoni u jitlob lil min japplika biex jippreżenta ċertifikat ta' rikonoxximent maħruġ mill-MQRIC. F'dan il-każ il-kandidat jingħata xahar biex jippreżenta ċ-ċertifikat bil-possibbiltà ta' estensjoni kif imsemmi f'subparagrafu (b) hawn fuq.

7. l-applikanti eliġibbli jkunu meħtieġa jidhru quddiem Bord ta' Għażla sabiex jiġu assessjati fl-adekwatezza tagħhom biex jimlew il-post.

8. Il-kandidat magħżul jiġi eżaminat medikament biex jiġi żgurat li l-kandidat hu b'saħħtu għall-impjieg skont ir-regolamenti tal-Forza Regolari.

9. Man-nomina, l-individwu magħżul, ikun suġġett għal perjodu bi prova għal sena. Il-proviżjonijiet tar-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kundizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza Regolari japplikaw minn hemm 'il quddiem.

e. Advising and assisting in the legal aspects of the work of other Officers within the Units of the Force;

f. Representing the Force in front of the Inferior and Superior Courts and any other tribunal, board or authority;

g. Acting as legal advisor to the Force, including outside of official working hours, in accordance with the exigencies of the service;

h. Any other duties that may be assigned by the Commander from time to time.

4. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application.

5. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

6. With respect to additional qualifications submitted in response to this call for applications, applicants are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) based within the National Commission for Further and Higher Education (NCFHE), or by any other designated authority, as applicable. Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

a. Applicants who are not in possession of such a statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement to the Armed Forces of Malta as soon as it is available and, in any case, by not later than the date of the interview.

b. Applicants are exempted from the above requirements in respect of qualifications obtained from accredited universities or other accredited institutions.

c. In cases of doubt, however, the Selection Board may set aside this exemption and direct an applicant to procure a recognition statement from MQRIC. In such a case the applicant shall be given one month to procure the statement, subject to the possibility of extension as provided for in sub-paragraph (b) above.

7. Eligible applicants will be requested to attend for an interview by a Selection Board to assess their suitability for the post.

8. The selected candidate will then be medically examined to ascertain that the candidate is fit for the post in accordance with Regular Force Standards.

9. Once selected, the appointee will be on probation for a period of one year. The relevant provisions of the Appointments and Conditions of Service of the Regular Force Regulations shall apply thereafter.

10. Qabel ma jiġi nominat, il-kandidat magħżul ikun jeħtieġ jgħaddi mill-proċess ta' Security Clearance sabiex jikseb National Security Clearance Certificate fil-livell meħtieġ. Jekk jeħel minn dan il-proċess, ma jkunx aktar eliġibbli biex jintgħażel. Jekk jeħel minn dan il-proċess wara li jkun diġà beda l-perjodu bi prova, jinħall minnufiħ mis-Servizz.

11. Il-kandidat magħżul jiġi kkommissjonat fil-grad ta' Logutenent (Uffiċjal Legali) (non-combatant) b'salarju fi skala 6 (€27,327 x 596p/a sa €30,905). Addizzjonalment, titħallas AFM allowance ta' €627 u clothing allowance ta' €335.43 fis-sena.

12. Il-kandidat magħżul li jkun ilu jaħdem bis-sħiħ għal tal-inqas tliet snin fil-qasam legali bil-warrant ta' Avukat, jieħu kummissjoni fir-rank ta' Kaptan (Uffiċjal Legali) (non-combatant) b'salarju fi skala 5 (€29,134 x 641p/a sa €32,978). Addizzjonalment, titħallas AFM allowance ta' €627 u clothing allowance ta' €335.43 fis-sena.

13. Suġġett għal performance sodisfaċenti l-persuna appuntata timxi skont l-istruttura approvata fir-rigward tar-ranks u l-kundizzjonijiet tal-Forzi Armati ta' Malta.

14. Il-persuna appuntata ma titħalliex teżerċita l-professjoni tagħha privatament.

15. Applikanti prospettivi jistgħu jiġbru l-formoli tal-applikazzjonijiet mill-Uffiċċju tar-Records, Forzi Armati ta' Malta, jew iniżżluha mis-sit elettroniku tal-FAM.

16. L-applikazzjonijiet mimlija għandhom jaslu fl-Uffiċċju tar-Records, Forzi Armati ta' Malta, Luqa Barracks, Ħal Luqa, sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 27 ta' Mejju, 2022. Mal-formoli tal-applikazzjoni għandhom ikunu inklużi:

a. Ritratt tal-passaport bil-kulur;

b. Riċevuta maħruġa mill-Pulizija wara l-applikazjoni għar-reġistru sħiħ tal-kundanni kriminali (Fedina Penali);

c. Ċertifikati akkademiċi u professjonali, li jinkludu t-transkript uffiċjali relatati maċ-ċertifikati maħruġ mill-università u l-warrant;

d. Ittra ta' riferiment dwar il-karattru;

e. Curriculum Vitae;

f. Jobsplus Employment History.

17. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

10. Prior to being appointed, the selected candidate identified will be required to undergo a Security clearance process to obtain a National Security Clearance Certificate at the required level, failing which he will no longer be eligible for selection. If selected already and undergoing his year's probation, he will, on failing his security clearance, be discharged from the Service with immediate effect.

11. The successful candidate will be commissioned in the rank of Lieutenant (Legal Officer) (non-combatant) and placed on Salary Scale 6 (€27,327) rising by annual increments of €596 to €30,905. Additionally, the AFM allowance of €627 and a clothing allowance of €335.43 shall be paid on an annual basis.

12. A successful candidate who has at least three years of proven legal practice after obtaining the warrant to practice as Advocate will be commissioned in the rank of Captain (Legal Officer) (non-combatant) and placed on Salary Scale 5 (€29,134 rising by annual increments of €641 to €32,978). Additionally, the AFM allowance of €627 and a clothing allowance of €335.43 shall be paid on an annual basis.

13. Subject to satisfactory performance, the appointee will then follow the approved structure, ranks and conditions of the Armed Forces of Malta.

14. The appointee will not be allowed to undertake private practice in this profession.

15. Prospective applicants can collect application forms from Records Office, Armed Forces of Malta, Luqa Barracks, or download it from the AFM website.

16. Duly completed application forms must reach Records Office, Armed Forces of Malta, Luqa Barracks, Ħal Luqa, by noon, on Friday, 27th May, 2022, accompanied by:

a. Passport sized photograph in colour;

b. Receipt issued by Police following application for criminal convictions (Fedina Penali);

c. Academic and professional certificates, including the official transcripts pertaining to University qualifications and warrant;

d. Character reference letter;

e. Curriculum Vitae;

f. Jobsplus Employment History.

17. Late applications will not be considered.

18. Aktar informazzjoni tinstab fuq is-sit elettroniku tal-FAM (www.afm.gov.mt).

19. L-applikanti jiġu infurmati b'ittra jekk ġewx magħżula jew le. Id-deċiżjoni tal-Bord ta' Għażla hija waħda finali.

It-13 ta' Mejju, 2022

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

Sejħa għal Tuturi tal-Programm Nwar Part-time mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

Numru tal-Permess tal-Jobsplus 635/2021 (it-tielet sejħa)

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda tilqa' applikazzjonijiet għal Tuturi tal-programm Nwar part-time.

Sad-data tal-għeluq ta' din is-sejħa l-applikanti jrid ikollhom dawn ir-rekwiżiti:

1. Kwalifika universitarja rikonoxxuta ta' għalliem/a ta' Livell 6 tal-MQF, jew ekwivalenti jew ogħla, JEW Diploma in Facilitating Inclusive Education ta' Livell 5 tal-MQF (60 ECTS/ECVET), jew ekwivalenti, jew ogħla; U

2. Ikunu temmew b'suċċess il-kors tal-IfE Foundations of a Family Literacy Intervention Programme (Award), JEW il-Kors ta' Taħriġ fil-Metodoloġija tal-Programm tal-Litteriżmu Nwar JEW Diploma fil-Litteriżmu JEW il-kors ta' Taħriġ għall-Għalliema fit-Tagħlim tal-Ħiliet Bażiċi tad-DQSE, jew ekwivalenti, jew ogħla; U

3. Ħakma tajba tal-Malti u l-Ingliż miktuba u mitkellma. Preferibbilment din tkun ippruvata b'ċertifikati fil-Livell MQF 3 fil-Malti u fl-Ingliż ta' Grad 1-5/A-C, jew ekwivalenti, jew ogħla; U

4. Minimu ta' tliet (3) snin sħaħ esperjenza bħala għalliem/a jew bħala Learning Support Educator.

Applikanti li ma jissodisfawx rekwiżit numru (2) jiġu kkunsidrati biss jekk jikkommettu ruħhom li jsegwu l-kors meta jiġi organizzat. Jekk jintgħażlu, dawn ikunu mistennija joffru servizz alternattiv sakemm jiksbu l-ħiliet meħtieġa.

Applikanti li għandhom Certificate in Facilitating Inclusive Education ta' Livell 5 tal-MQF (30 ECTS/ECVET) ikunu kkunsidrati biss jekk ikollhom ukoll baċellerat ta' Livell 6 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 180 ECTS jew ekwivalenti).

Aktar dettalji dwar ir-rwol u l-kundizzjonijiet tal-impjieg jistgħu jinkisbu minn (www.education.gov.mt/nla), permezz

18. Further information on the AFM can be found on the AFM website (www.afm.gov.mt).

19. Applicants will be notified by a letter whether they have been selected or not. The decision of the Selection Board will be final.

13th May, 2022

NATIONAL LITERACY AGENCY

Call for Part-time Nwar Tutors within the National Literacy Agency

Jobsplus Permit Number 635/2021 (third call)

The National Literacy Agency is seeking to recruit part-time Nwar tutors.

Applicants must fulfil the following eligibility criteria by the closing date:

1. A recognised teaching degree at MQF Level 6 or equivalent or higher, OR a Diploma in Facilitating Inclusive Education at MQF Level 5 (60 ECTS/ECVET), or equivalent or higher; AND

2. Successful completion of the IfE Foundations of a Family Literacy Intervention Programme (Award) or the Training Course in the Methodology of the Nwar Literacy Programme or Diploma in Literacy or DQSE Basic Skills Training Certificate, or equivalent or higher; AND

3. Fluency in written and spoken Maltese and English. Preferably this is evidenced by means of MQF Level 3 in Maltese and English [SEC (Grade 1 to 5) or GCE Ordinary Level (Grade A to C)], or equivalent or higher, AND

4. A minimum of three (3) full years' experience as a teacher or a Learning Support Educator.

Applicants who do not satisfy (2) above, will be considered only if they commit to follow the training course when this is organised. If successful, these will be expected to carry out alternative duties until basic modules are completed.

Applicants in possession of a Certificate in Facilitating Inclusive Education at MQF Level 5 (30 ECTS/ECVET) will be considered only if they are also in possession of a degree at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS or equivalent).

A detailed job description, including conditions of employment can be obtained from (www.education.gov.

ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), jew bin-numru tat-telefown 2598 3325.

Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' applikazzjoni flimkien mal-kwalifiki u l-esperjenzi fil-format tal-European Curriculum Vitae, kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom, ċertifikat tal-kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija u l-lista tax-xogħol li għamlu tul ħajjithom mill-Jobsplus, permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), jew bil-posta lil: Reklutaġġ, L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, Iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu, Triq Ġużè Abela Scolaro, Il-Ħamrun HMR 1304, sa mhux aktar tard mit-Tnejn, 30 ta' Mejju, 2022, f'nofsinhar. Applikanti impjegati fis-Servizz Pubbliku għandhom jissottomettu wkoll kopja riċenti tal-GP 47 (Service and Leave Record Form).

Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati u kmieni biżżejjed biex jaslu qabel id-data tal-għeluq. L-applikanti jiġu mgħarrfa li tkun waslet l-applikazzjoni fi żmien sebat ijiem. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

It-13 ta' Mejju, 2022

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

Sejħa għal Reading Recovery Resource Leaders (full-time) mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

Numru tal-Permess tal-Jobsplus: 218/2022

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda tilqa' applikazzjonijiet għal Reading Recovery Resource Leaders (full-time).

L-applikanti għandhom jissodisfaw dawn il-kriterji ta' eliġibbiltà sad-data tal-għeluq:

1. Baċellerat f'Livell 6 tal-MQF, jew ogħla, li jwassal għal kwalifika tal-professjoni ta' għalliem, flimkien mal-Warrant ta' Għalliem (mhux temporanju); U

2. Ċertifikat ta' Reading Recovery Teacher, jew ogħla; U

3. Tal-anqas sentejn skolastiċi sħaħ bħala għalliem/a fis-settur primarju; U

4. Ċertifikati fil-Malti u l-Ingliż ta' Livell 3 tal-MQF, ĊES (Grad 1-5), jew ekwivalenti jew ogħla; U

5. Kompetenza fl-użu ta' applikazzjonijiet tat-Teknoloġija tal-Informatika, partikolarment MS Word u internet.

Applikanti li ma jissodisfawx it-tieni kriterju jkunu kkunsidrati jekk jikkommettu ruħhom li jsegwu u jtemmu b'suċċess it-taħriġ rilevanti matul l-ewwel sena tal-impjieg

mt/nla), by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), or by telephone number 2598 3325.

Candidates should submit their letter of application, together with a summary of qualifications and experience in a European Curriculum Vitae Format, a copy of their relevant scanned certificates, a valid police conduct certificate and their Jobsplus employment history, by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), or by registered post to Recruitment, National Literacy Agency, NCC, Triq Ġużè Abela Scolaro, Ħamrun HMR 1304, by not later than Monday, 30th May, 2022, at noon. Applicants employed with the Public Service are to also submit a recent Service and Leave Record Form (GP47).

Applications by post should be sent by registered mail, allowing sufficient time to ensure delivery by the above deadline. Applications will be acknowledged in writing within seven days. Late applications will not be considered.

13th May, 2022

NATIONAL LITERACY AGENCY

Call for Reading Recovery Resource Leaders (full-time) within the National Literacy Agency

Jobsplus Permit Number: 218/2022

The National Literacy Agency is seeking to recruit Reading Recovery Resource Leaders (full-time).

Applicants must fulfil the following eligibility criteria by the closing date:

1. A teaching degree at MQF Level 6, or higher, together with the Teacher's Warrant (not temporary); AND

2. Reading Recovery teacher's certificate, or higher; AND

3. At least two full scholastic years' teaching experience in the primary sector; AND

4. MQF Level 3 in Maltese and English, SEC (Grades 1-5), or equivalent, or higher; AND

5. Competency in the use of ICT applications, especially MS Word and internet.

Applicants who do not satisfy eligibility criterion 2, will only be considered if they undertake to follow and successfully complete the relevant training during their first

tagħhom. Termini u kundizzjonijiet marbuta mal-iffinanzjar tat-taħriġ japplikaw.

Aktar dettalji dwar ir-rwol u l-kundizzjonijiet tal-impjieg, jistgħu jinkisbu minn (www.education.gov.mt/nla), permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) jew bin-numru tat-telefown 2598 3325.

Il-kandidati għandhom jibagħtu l-ittra ta' applikazzjoni flimkien mal-ġabra tal-kwalifiki u l-esperjenzi fil-format tal-European Curriculum Vitae, kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom, ċertifikat tal-kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija u l-lista tax-xogħol li għamlu tul ħajjithom mill-Jobsplus, permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) jew bil-posta lil: Reklutaġġ, L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, Iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu, Triq Ġużè Abela Scolaro, Il-Ħamrun HMR 1304, sa mhux aktar tard mit-Tnejn, 30 ta' Mejju, 2022, f'nofsinhar. Applikanti impjegati fis-Servizz Pubbliku għandhom jissottomettu wkoll kopja riċenti tal-GP 47 (Service and Leave Record Form).

Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati u kmieni biżżejjed biex jaslu qabel id-data tal-għeluq. L-applikanti jiġu mgħarrfa li tkun waslet l-applikazzjoni fi żmien sebat ijiem. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

It-13 ta' Mejju, 2022

AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

Aġġornament tal-Mappa Bażi 2018

L-Awtorità tal-Ippjanar tixtieq tinforma lill-pubbliku li se jsir stħarriġ permezz ta' droni u skeners f'dawn il-lokalitajiet kif indikat fid-dati rispettivi:

Forti Sant'Iermu – 18 ta' Mejju, 2022
L-Għar Ta' Ninu, ix-Xagħra (Għawdex) – fis-26 ta' Mejju, 2022

Aktar tagħrif jista' jintalab permezz ta' ittra elettronika lil (geomatics@pa.org.mt).

It-13 ta' Mejju, 2022

AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

Aġġornament tal-Mappa Bażi 2018

L-Awtorità tal-Ippjanar tgħarraf li qiegħda twettaq aġġornament tal-mappa bażi 2018. Għaldaqstant se jsir stħarriġ permezz ta' droni f'din il-lokalità kif indikat fid-data rispettiva:

year of employment. Terms and conditions related to the funding of the training apply.

A detailed job description, including conditions of employment can be obtained from (www.education.gov.mt/nla), by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) or by telephone number 2598 3325.

Candidates should submit their letter of application, together with a summary of qualifications and experience in a European Curriculum Vitae Format, a copy of their relevant scanned certificates, a valid police conduct certificate and their Jobsplus employment history, by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), or by registered post to: Recruitment, National Literacy Agency, NCC, Triq Ġużè Abela Scolaro, Ħamrun HMR 1304 by not later than Monday, 30th May, 2022, at noon. Applicants employed with the Public Service are to also submit a recent Service and Leave Record Form (GP47).

Applications by post should be sent by registered mail, allowing sufficient time to ensure delivery by the above deadline. Applications will be acknowledged within seven days. Late applications will not be considered.

13th May, 2022

PLANNING AUTHORITY

Update to the 2018 Basemap

The Planning Authority wishes to inform the general public that it will be carrying out a survey by means of drones and scanners in the following localities on the respective dates:

Fort St Elmo – 18th May, 2022
Ta' Ninu Cave, Xagħra (Gozo) – 26th May, 2022

Any queries should be directed to the following email address (geomatics@pa.org.mt).

13th May, 2022

PLANNING AUTHORITY

Update to the 2018 Basemap

The Planning Authority notifies that it is undertaking an update to the 2018 Basemap. To this extent it will be carrying out surveys by means of drones in the following localitiy on the respective date:

Il-Magħtab – fil-25 ta' Mejju, 2022
Il-Mosta – mill-15 ta' Mejju sal-15 ta' Ġunju, 2022

Aktar tagħrif jista' jintalab permezz ta' ittra elettronika lil (geomatics@pa.org.mt).

It-13 ta' Mejju, 2022

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Bis-saħħa tar-regolament 88 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali b'dan javżaw illi se ssir elezzjoni każwali biex jimtela l-post ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Santa Venera.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

It-13 ta' Mejju, 2022

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali javżaw illi huma se jkunu fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Ex-Trade Fair Grounds, In-Naxxar, nhar it-Tnejn, is-16, it-Tlieta, is-17 u l-Erbgħa, it-18 ta' Mejju, 2022 mill-10.00 a.m. sa nofsinhar biex jirċievu nominazzjonijiet ta' kandidati għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Santa Venera.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

It-13 ta' Mejju, 2022

Magħtab – 25th May, 2022
Mosta – 15th May till 15th June, 2022

Any queries should be directed to the following email address (geomatics@pa.org.mt).

13th May, 2022

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

Notice

By virtue of regulation 88 of the Third Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners hereby notify that a casual election is being held to fill the vacancy of a Councillor for the Local Council of Santa Venera.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

13th May, 2022

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

Notice

In accordance with the provisions of regulation 89 of the Third Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners notify that they will be in attendance at the Office of the Electoral Commission, Ex-Trade Fair Grounds, In-Naxxar, on Monday, 16th, Tuesday, 17th and Wednesday, 18th May, 2022 from 10.00 a.m. to noon to receive nominations of candidates for the casual election of a Councillor for the Local Council of Santa Venera.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

13th May, 2022

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Bis-saħħa tar-regolament 88 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali b'dan javżaw illi se ssir elezzjoni każwali biex jimtela l-post ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

It-13 ta' Mejju, 2022

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

Notice

By virtue of regulation 88 of the Third Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners hereby notify that a casual election is being held to fill the vacancy of a Councillor for the Local Council of Ħal Qormi.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

13th May, 2022

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali javżaw illi huma se jkunu fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Ex-Trade Fair Grounds, In-Naxxar, nhar it-Tnejn, is-16, it-Tlieta, is-17 u l-Erbgħa, it-18 ta' Mejju, 2022 mill-10.00 a.m. sa nofsinhar biex jirċievu nominazzjonijiet ta' kandidati għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

It-13 ta' Mejju, 2022

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

Notice

In accordance with the provisions of regulation 89 of the Third Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners notify that they will be in attendance at the Office of the Electoral Commission, Ex-Trade Fair Grounds, In-Naxxar, on Monday, 16th, Tuesday, 17th and Wednesday, 18th May, 2022 from 10.00 a.m. to noon to receive nominations of candidates for the casual election of a Councillor for the Local Council of Ħal Qormi.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

13th May, 2022

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Bis-saħħa tar-regolament 88 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali b'dan javżaw illi se ssir elezzjoni każwali biex jimtela l-post ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

It-13 ta' Mejju, 2022

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

Notice

By virtue of regulation 88 of the Third Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners hereby notify that a casual election is being held to fill the vacancy of a Councillor for the Local Council of Marsaxlokk.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

13th May, 2022

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali javżaw illi huma se jkunu fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Ex-Trade Fair Grounds, In-Naxxar, nhar it-Tnejn, is-16, it-Tlieta, is-17 u l-Erbgħa, it-18 ta' Mejju, 2022 mill-10.00 a.m. sa nofsinhar biex jirċievu nominazzjonijiet ta' kandidati għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

It-13 ta' Mejju, 2022

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

Notice

This variation is being published in terms of Article 5 (3) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta, following a freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a

Dr Victor G. Axiak, LLD), fil-24 ta' Frar, 2021, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fil-5 ta' Marzu, 2021, fejn il-Qorti ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' George Degiorgio, ADRIAN AGIUS, Robert Agius, u Jamie Vella.

Illum, 12 ta' Mejju, 2022

DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Victor G. Axiak, LLD) on the 24th February, 2021, which was published in the Government Gazette on the 5th March, 2021, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to George Degiorgio, ADRIAN AGIUS, Robert Agius, and Jamie Vella.

Today, 12th May, 2022

DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

810

ARB/C032/2022 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-10 ta' Mejju, 2022, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Elaine Mercieca, LLD). Kumpilazzjoni numru 254/2022, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Justine Grech)

Kontra

MELISA DAIANA OYOLA, ta' 28 sena, bint Raul Esteban u Estrella Mari Garcia, imwielda l-Arġentina fit-12 ta' Jannar, 1994, mingħajr indirizz fiss f'Malta u detentriċi ta' passaport Arġentinjan AAG461375.

ORDNAT iż-żamma u s-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' MELISA DAIANA OYOLA, u tipprojbixxi lill-imputata milli tittrasferixxi, tagħti b'raħan, twiegħed, tipoteka jew tibdel jew xort'oħra tiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnha, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A u fl-Artikolu 36 tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn tnax-il elf ewro (€12,000) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il (12) xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum, 12 ta' Mejju, 2022

DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

ARB/C032/2022 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 10th May, 2022, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Elaine Mercieca, LLD). Compilation number 254/2022, in the case:

The Police
(Inspector Justine Grech)

Versus

MELISA DAIANA OYOLA, 28 years, daughter of Raul Esteban and Estrella Mari Garcia, born in Argentina on the 12th January, 1994, without a fixed address in Malta and holder of Argentinian Passport bearing number AAG461375.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to MELISA DAIANA OYOLA and prohibits the accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise changing or disposing of any immovable or movable property owned or otherwise held by them, and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta and Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta.

Any person who acts in contravention of the court order as mentioned in Article 22A and Article 36 referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding twelve thousand euro (€12,000), or to imprisonment for a period not exceeding twelve (12) months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 12th May, 2022

DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

811

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-3 ta' Marzu, 2022, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1126/2021NC, li ġie ppreżentat fis-17 ta' Novembru, 2021, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxi vs IC Services Ltd, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Ai Termini tas-subartikoli 9(6) u (7) tal-imsemmi Avviż Legali, fl-ewwel lok tordna li kopja ta' dan ir-rikors flimkien mad-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala Dok. A u Dok. B, jiġu notifikati lill-kumpanija intimata skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u fit-tieni lok sabiex tordna r-reġistrazzjoni tad-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok. A bħala kopja uffiċjali tagħha, sabiex tali dokument jikkostitwixxi titolu eżekuttiv.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għal nhar is-7 ta' Lulju, 2022, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: IC Services Ltd, 5th Floor, Office Block de Tigne, 77, Fawwara Lane, Tas-Sliema SLM 1671

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 10 ta' Mejju, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By order of the Civil Court, First Chamber, on 3rd March, 2022, in the acts of Sworn Application No 1126/2021NC, which was filed on 17th November, 2021, in the names of the Commissioner of Inland Revenue vs IC Services Ltd, the following publication was ordered, pursuant to Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12 to serve notice on the respondent. The applicant claims that the Court should, inter alia: In terms of sub-articles 9 (6) and (7) of the said Legal Notice, it first orders that a copy of this application together with the documents attached hereto and marked as Doc. A and Doc. B, be notified to the respondent company in accordance with the relevant provisions of Cap. 12 of the Laws of Malta, and secondly to order the registration of the document attached hereto and marked as Doc. A as its official copy, so that such document constitutes executive title.

The Sworn Application in the above names is postponed to 7th July, 2022, at 9.30 a.m.

Notice to Respondent: IC Services Ltd, 5th Floor, Office Block de Tigne, 77, Fawwara Lane, Tas-Sliema SLM 1671

Registry of the Superior Courts, today, 10th May, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

812

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, Sede Kostituzzjonali, fil-25 ta' April, 2022, fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali numru 68/22AF, li ġie ppreżentat fit-3 ta' Frar, 2022, fl-ismijiet Tabone Noel et vs l-Avukat tal-Istat et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tagħti lir-rikorrenti dawk ir-rimedji li jidhrilha li huma xierqa sabiex jiġu sanċiti d-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tar-rikorrenti kif protetti mill-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni, inkluż li tillikwida l-kumpens dovut lir-rikorrenti b'riżultat ta' leżjoni u dan bl-opera ta' periti nominandi jekk ikun il-kax u tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsu l-kumpens hekk likwidat. Bl-ispejjeż kollha u bl-inġunzjoni tal-intimati minn issa għas-subizzjoni u b'riżerva ta' kwalunkwe azzjoni spettanti lir-rikorrenti kontra l-istess intimati jew min minnhom.

Ir-Rikors Kostituzzjonali fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-17 ta' Mejju, 2022, f'12.00 p.m.

Notifika Intimat: Friggieri Maria, 32, Triq is-Suq, Il-Furjana

By order of the Civil Court, First Aid, Constitutional Seat, on 25th April, 2022, in the acts of Constitutional Application number 68/22AF, which was filed on 3rd February, 2022, in the names Tabone Noel et vs State Attorney et, the following publication was ordered, pursuant to Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12 to serve notice on the respondent. The applicant claims that the Court should, inter alia: Provide the applicant with such remedies as it deems appropriate to sanction the applicant's fundamental and constitutional rights as protected by the same Constitution and Convention, including the liquidation of compensation due to the applicant as a result of injury and this by the work of nominated architects if it is the case and condemns the respondents or any of them to pay the compensation thus liquidated. At all costs and by ordering the respondents from now on to submit and subject to any action due to the applicant against the same respondents or by any of them.

The Constitutional Application in the above names is adjourned to 17th May, 2022, at 12.00 p.m.

Notification Notice: Friggieri Maria, 32, Triq is-Suq, Floriana

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 10 ta' Mejju, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today, 10th May, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

813

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-28 ta' April, 2021, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 321/21TA, li ġie ppreżentat fid-9 ta' April, 2021, fl-ismijiet Theodoor Teeuwen Tim Marcus Vs De Koning Philip Nutte Vincent, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur l-ammont hekk likwidat. Bl-ispejjeż, inkluż bl-imgħax legali fuq l-ammonti likwidati.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-17 ta' Mejju, 2022, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: Castle Towers, Flat 6, Triq Depiro, Tas-Sliema

By order of the Civil Court, First Chamber, on 28th April, 2021, in the records of Sworn Application number 321/21TA, filed on 9th April, 2021, in the names Theodoor Teeuwen Tim Marcus vs De Koning Philip Nutte Vincent, the following publication was ordered, pursuant to Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12 to serve notice on the respondent. The applicant claims that the Court should, inter alia: Order the defendant to pay the plaintiff the amount thus liquidated. With costs, including legal interest on liquidated amounts.

The Sworn Application in the above names is postponed to 17th May, 2022, at 9.30 a.m.

Notification Notice: Castle Towers, Flat 6, Triq Depiro, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 10 ta' Mejju, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today, 10th May, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

814

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell, fil-21 ta' April, 2022, fl-atti tar-Rikors tal-Appell numru 652/11 fl-ismijiet Evelyn Montebello et vs AJRP Limited (C9185) ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-appellati msemmija hawn isfel a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Illi insegwitu għal Rikors Ġuramentat ippreżentat fis-6 ta' Lulju, 2011, ir-rikorrenti appellati għamlu diversi talbiet kontra AJRP Limited u permezz ta' sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru, 2021, l-Ewwel Onorabbli Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha mressqa mis-soċjetà esponenti AJRP Limited (għajr l-ewwel eċċezzjoni preliminari li ġiet irtirata fil-mori tal-kawża) u laqgħet it-talbiet kollha tar-rikorrenti appellati,

Illi s-soċjetà esponenti AJRP Limited ħassitha aggravata minn din is-sentenza u interponiet appell fejn l-aggravji huma ċari u manifesti jikkonsistu fis-segwenti:

L-ewwel aggravju: l-ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi meta kkonkludiet illi l-atturi,

By order of the Court of Appeal of 21 April, 2022, in the records of Appeal No 652/11 in the names Evelyn Montebello et vs AJRP Limited (C9185), the following publication was ordered to serve as a notification of the respondents mentioned below in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

Following a Sworn Application filed on 6th July, 2011, the respondents filed several claims against AJRP Limited and by a judgment delivered on 25th November, 2021, the Honorable Court of First Instance dismissed all the objections raised by the applicant company AJRP Limited (except for the first preliminary plea which was withdrawn during the hearing of the cause) and upheld all the claims of the respondents,

Whereas the applicant company AJRP Limited felt aggrieved by this judgment and filed an appeal wherein the grounds of appeal are clear and manifest and consist of the following:

The first ground of appeal: the Honourable First Court misjudged the evidence when it concluded that the plaintiffs,

jew min minnhom, għandhom d-dritt tal-użu tal-bejt għal skopijiet ta' stivar ta' servizzi, manutenzjoni tal-istess u nxir ta' ħwejjeg u laqgħet it-tieni talba attriċi u konsegwentement it-talbiet kollha l-oħra;

It-tieni aggravju: l-ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi meta hija ordnat illi s-Soċjetà Appellanti għandha twettaq dawk ix-xogħlijiet sabiex jiggarantixxu l-eżerċizzju tal-jedd ta' użu li qed jippretendu l-appellati, irrispettivament minn kwalunkwe regolamenti li jistgħu jillimitaw tali użu;

It-tielet aggravju: l-ewwel Onorabbli Qorti, illikwidat id-danni sofferti mill-atturi billi bbażat ruħha fuq ir-rakkomdazzjoni tal-Perit Tekniku inkarigat minnha, u fl-istess hin ordnat ukoll ir-ripristinazzjoni tal-użu tal-bejt, meta huwa ċar illi l-likwidazzjoni tad-danni kienet waħda ta' telf ta' użu perpetwu;

Ir-raba' aggravju: ir-rikorrenti appellati ma ġarrbu l-ebda danni, għajr għal dak allegat dwar telf ta' użu tal-bejt u għalhekk isegwi illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet żbaljata wkoll meta ordnat illi danni kellhom jiġu llikwidati u mħallsa;

Il-ħames aggravju u mingħajr preġudizzju għall-aggravji l-oħrajn, il-perjodu ta' sitt (6) xhur li ngħata lis-soċjetà esponenti sabiex twettaq ix-xogħlijiet strutturali ordnati mill-Ewwel Onorabbli Qorti huwa manifestament wisq qasir sabiex l-ewwel jiġu ottenuti l-permessi meħtieġa u sussegwentement isiru tali xogħlijiet b'mod korrett u effettiv u għalhekk dato ma non concesso illi kellhom isiru x-xogħlijiet ordnati, l-istess sentenza poġġiet lis-soċjetà appellanti fi stat ta' impossibbiltà li tesegwixxi l-istess mingħajr ma tikser il-liġijiet tal-Ippjanar.

Għaldaqstant, u għar-ragunijiet su esposti, is-soċjetà esponenti titlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-25 ta' Novembru, 2021, mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti, fl-ismijiet fuq premessi billi tiċħad it-talbiet attriċi fl-interezza tagħhom salv kull provvediment ieħor li l-Qorti tal-Appell jidhrilha xieraq u bl-ispejjeż u bir-riżerva ta' kull jedd spettanti lis-soċjetà esponenti.

Notifika Appellati:

1) Louise Anne Cachia, Huntington Court, Flat 12, Triq Alfred Gauci, San Ġiljan
2) Christine Ghersci, 10, Triq Rudolfu, Tas-Sliema
3) Walsh's Limited (C76), Walsh's Limited, 16, High Street, Tas-Sliema
4) Dr Joseph Grech, 63, Triq Għar Qawqla Marsalforn/iż-Żebbuġ, Għawdex
5) Paul Abela, 243, Triq ta' Taħt l-Irdum, Il-Mellieħa
6) Georgina Abela, 243, Triq ta' Taħt l-Irdum, Il-Mellieħa
7) Lawrence Bonnici, San Pawl, Triq it-Tomna, Is-Swieqi

or any of them, have the right to use the roof for the purposes of stacking services, maintenance of the same and the hanging of clothes and upheld the plaintiffs' second claim and consequently all other claims;

The second ground of appeal: the Honourable First Court misjudged the evidence when it is ordered that the Appellant company to carry out such works in order to guarantee the exercise of the right of use claimed by the respondents, irrespective of any regulations which may restrict such use;

The third ground of appeal: the Honourable First Court liquidated the damages suffered by the plaintiffs by relying on the recommendation of the Technical Referee it appointed, and at the same time also ordered the restoration of the use of the roof, when it is clear that the liquidation of damages was one of perpetual loss of use;

The fourth ground of appeal: the respondents did not suffer any damages other than that alleged concerning the loss of use of the roof and it follows that the Honourable First Court was also wrong to order that damages should be liquidated and paid;

The fifth ground of appeal and without prejudice to the above, the period of six (6) months granted to the applicant company to carry out the structural work ordered by the Honourable Court of First Instance is clearly too short to first obtain the necessary permits and subsequently carry out such work correctly and effectively and if it were admitted that the works ordered are to be carried out, the same judgment has placed the appellant company in a state of impossibility to execute the same without violating Planning Laws.

Therefore, and for the above reasons, the applicant company humbly requests this Honourable Court annulls and revokes the judgment of 25 November 2021 delivered by the Honourable First Hall of the Civil Court, in the premised names by rejecting the plaintiff's claims in their entirety and subject to such other provisions as the Court of Appeal may deem fit and with costs and with reservation of all rights due to the exponent company.

Notification:

1) Louise Anne Cachia, Huntington Court, Flat 12, Triq Alfred Gauci, St Julian's
2) Christine Ghersci, 10, Triq Rudolfu, Tas-Sliema
3) Walsh's Limited (C76), Walsh's Limited, 16, High Street, Tas-Sliema
4) Dr Joseph Grech - 63, Triq Għar Qawqla Marsalforn/Żebbuġ, Gozo
5) Paul Abela, 243, Triq ta' Taħt l-Irdum, Mellieħa
6) Georgina Abela, 243, Triq ta' Taħt l-Irdum, Mellieħa
7) Lawrence Bonnici, San Pawl, Triq it-Tomna, Swieqi

8) Rita Gauci, 175, Tina, Triq il-Qantar, Is-Swieqi
9) Elizabeth Muscat, The Managers, F/H Tal-Bajada, Tal-Fawwara, Limiti tas-Swieqi

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 10 ta' Mejju, 2022

DR F. BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

8) Rita Gauci, 175, Tina, Triq il-Qantar, Swieqi
9) Elizabeth Muscat, The Managers, F/H Tal-Bajada, Tal-Fawwara, Limits of Swieqi

Registry of the Superior Courts (Appeals), today 10th May, 2022

DR F. BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

815

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tal-5 ta' Mejju, 2022, u dan wara Rikors b'numru 335/2022, Ordnat:

Il-korrezzjonijiet opportuni fil-kolonni relattivi fl-Att taż-Żwieġ li jġib in-numru 1098/2012 billi kull fejn jidher l-kunjom 'Parascandolo', inkluż fil-kunjom tal-mara miżżewġa, dan jitħassar u jiġi sostitwit bil-kunjom korrett 'Parascandalo'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum it-Tlieta, 10 ta' Mejju, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 5th May, 2022, and upon an application numbered 335/2022, Ordered:

The corrections in the relative columns in the Act of Marriage bearing the number 1098/2012 so that wherever the surname 'Parascandolo' appears including the surname of the married wife, is to be deleted and substituted by the corrected surname 'Parascandalo'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today, Tuesday, 10th May, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar Court of Revision of Notarial Acts

816

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tal-5 ta' Mejju, 2022, u dan wara Rikors b'numru 334/2022, Ordnat:

Il-korrezzjonijiet opportuni fil-kolonni relattivi fl-Att tat-Twelid li jġib in-numru 3112/2014 u l-Att tat-Twelid li jġib in-numru 3695/2016 biex kull fejn jidher l-kunjom 'Parascandolo', dan jitħassar u jiġi sostitwit bil-kunjom korrett 'Parascandalo'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum it-Tlieta, 10 ta' Mejju, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 5th May, 2022, and upon an application numbered 334/2022, Ordered:

The corrections in the relative columns in the Act of Birth bearing the number 3112/2014 and the Act of Birth bearing the number 3695/2016 so that wherever the surname 'Parascandolo' appears, is to be deleted and substituted by the corrected surname 'Parascandalo'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today, Tuesday, 10th May, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar Court of Revision of Notarial Acts

817

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), fid-19 ta' Jannar, 2022, fl-atti tar-Rikors numru 39/2021, fl-

By means of a decree delivered by the Court of Appeal (Inferior Jurisdiction), on 19th January, 2022, in the

ismijiet Louie Camilleri vs l-Awtorità tal-Ippjannar et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-appellati msemmija hawn isfel a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

L-esponenti issa appellanti kien ressaq proposta għall-izvilupp bin-numru PA 1732/20 għal 'proposed extension to outdoor catering area Class 4D on public open space comprising of tables and chairs', quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar. B'deċiżjoni tal-24 ta' Lulju tas-sena 2020, l-Awtorità rrifjutat il-proposta, u l-esponenti ressaq appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, liema appell ġie deċiż nhar it-30 ta' Settembru, 2021.

L-esponent ħassu aggravat minn din id-deċiżjoni, u qiegħed b'hekk iressaq dan l-umili appell.

L-aggravju prinċipali tal-appellanti huwa illi it-Tribunal ma kkunsidrax tajjeb l-effett tal-element tal-commitment għad-determinazzjoni tal-applikazzjoni skont is-saħħa li tagħti l-liġi lil dawn l-elementi fl-Artikolu 72(2) tal-Kap. 552, u r-relevanza tal-permessi l-oħra fil-viċin.

Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tħassar id-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar mogħtija fl-ismijiet premessi fit-30 ta' Settembru, 2021, tilqa' l-proposta għall-permess, jew tirrimetti lura l-atti quddiem it-Tribunal biex l-appell jiġi deċiż kif dirett minn din l-Onorabbli Qorti, jew tagħti kull ordni jew direzzjoni oħra □ bl-ispejjeż imorru kontra l-Awtorità tal-Ippjanar, hawn appellata.

Ir-Rikors tal-Appell numru 39/2021 fl-ismijiet Louie Camilleri vs l-Awtorità tal-Ippjannar et, jinsab iddifferit għas-smigħ għall-1 ta' Ġunju, 2022, fit-8.45 a.m.

Notifika Appellati:

1) L-Awtorità tal-Ippjanar, St Francis Ravelin, Il-Furjana
2) Dr Albert Buttigieg, Kunsill Lokal San Ġiljan, Triq Forest, San Ġiljan
3) Rena Mifsud, 99, The Penthouse, Santa Teresa Court, Triq Spinola, San Ġiljan
4) Saviour Grech, 99, Flat 3, Santa Teresa Court, Triq Spinola, San Ġiljan
5) Victor Bonnici, 105, Spinola Point, Flat 2, Triq Spinola, San Ġiljan
6) Alexandra Bonnici, 105, Spinola Point, Flat 2, Triq Spinola , San Ġiljan
7) Etienne Borg Cardona, 24, Mistral, Triq Esprit Barthet, Il-Madliena
8) Elizabeth Borg Cardona, 24, Mistral, Triq Esprit Barthet, Il-Madliena
9) Michael Debono, Michael Debono Limited, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ

records of the Appeal Application number 39/2021, in the names Louie Camilleri vs The Planning Authority et, the following publication was ordered to serve as a notice on the respondents mentioned below in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

The exponent now appellant had submitted a development proposal number PA 1732/20 for a proposed extension to outdoor catering area Class 4D on public open space comprising of tables and chairs, before the Planning Authority. By decision of 24 July 2020, the Authority rejected the proposal, and the applicant lodged an appeal with the Environment and Planning Review Tribunal, which was decided on 30th September, 2021.

The plaintiff felt aggrieved by this decision, and is thus submitting this appeal.

The appellant's main ground of appeal is that the Tribunal did not take due account of the effect of the commitment element in determining the application in virtue of power given by the law to such elements in Section 72(2) of Cap. 552, and the relevance of other permits in the vicinity.

Therefore, the exponent humbly requests this Honourable Court to revoke the decision of the Environment and Planning Review Tribunal given in the names premised on 30th September, 2021, uphold the proposal for the permit, or send back the records of the proceedings to the Tribunal for the appeal to be decided as directed by this Honourable Court, or give any other order or direction – with costs against the Planning Authority, the respondent.

Appeal Application No. 39/2021 in the names Louie Camilleri vs The Planning Authority et, is adjourned for hearing on 1st June, 2022, at 8.45 a.m.

Notify Respondents:

1) L-Awtorità tal-Ippjanar, St Francis Ravelin, Floriana
2) Dr Albert Buttigieg, Kunsill Lokal San Ġiljan, Triq Forest, St Julian's
3) Rena Mifsud, 99, The Penthouse, Santa Teresa Court, Triq Spinola, St Julian's
4) Saviour Grech, 99, Flat 3, Santa Teresa Court, Triq Spinola, St Julian's
5) Victor Bonnici, 105, Spinola Point, Flat 2, Triq Spinola, St Julian's
6) Alexandra Bonnici, 105, Spinola Point, Flat 2, Triq Spinola , St Julian's
7) Etienne Borg Cardona, 24, Mistral, Triq Esprit Barthet, Madliena
8) Elizabeth Borg Cardona, 24, Mistral, Triq Esprit Barthet, Madliena
9) Michael Debono, Michael Debono Limited, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ

10) Paul Masters, 102, Triq Spinola, San Ġiljan
11) Natascha McQueen, 106, Spinola Point, Flat 8, Triq Spinola, San Ġiljan
12) Din l-Art Ħelwa, 133, Triq Melita, Il-Belt Valletta

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 11 ta' Mejju, 2022

DR F. BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

10) Paul Masters, 102, Triq Spinola, St Julian's
11) Natascha McQueen, 106, Spinola Point, Flat 8, Triq Spinola, St Julian's
12) Din l-Art Ħelwa, 133, Triq Melita, Valletta

Registry of the Superior Courts (Appeals), today, 11th May, 2022

DR F. BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

818

B'digriet moghti mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Mejju, 2021, fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet Joanna Hili vs John Martin et, Rikors numru 373/08, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Lee Martin, John Martin u Emanuel Theuma, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors tal-Appell ta' Derek Lee D'Amato (KI 518380M) qal bil-qima li permezz ta' sentenza datata 12 ta' Jannar, 2021, l-ewwel Onorabbli Qorti: i) laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mill-intimati Jurgen Debattista u Lee Martin ai termini tal-artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili; ii) ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u l-kjamat in kawża l-ieħor inkwantu inkompatibbli ma' din is-sentenza; u iii) laqgħet l-ewwel talba billi ddikkjarat illi a kawża tal-aġir tal-konvenuti John Martin u Derek Lee D'Amato u l-kjamat in kawża Emanuel Theuma l-attrici soffriet danni ta' natura personali permanenti u psikoloġiċi; iv) laqgħet it-tieni talba billi llikwidat id-danni sofferti mill-attriċi, fis-somma ta' €32,656.51; v) laqgħet it-tielet talba billi kkundannat lill-konvenuti John Martin u Derek Lee D'Amato u l-kjamat in kawża Emanuel Theuma in solidum bejniethom iħallsu s-somma hekk likwidata. Bl-imgħax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż a kariku tal-konvenuti John Martin u Derek Lee D'Amato u l-kjamat inkawża Emanuel Theuma inklużi, fiċ-ċirkostanzi, dawk tal-kjamati in kawża l-oħrajn Jurgen Debattista u Lee Martin.

Illi l-esponent iħossu aggravat bid-deċiżjoni appena msemmija, u permezz tal-preżenti qiegħed jinterponi dan l-umli appell għal quddiem din l-Onorabbli Qorti minn din id-deċiżjoni tat-12 ta' Jannar, 2021, b'dawn l-aggravji:

1. Il-Preskrizzjoni u s-solidarjetà

… omissis …

2. Il-Grad ta' responsabbiltà tal-appellant Derek Lee D'Amato

… omissis …

By means of a decree given by the Court of Appeal, on the 25th May, 2021, in the records of the Application in the names Joanna Hili vs John Martin et, Application number 373/08, the following publication was ordered for the purpose of service of Lee Martin, John Martin and Emanuel Theuma, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of an Appeal Application by Derek Lee D'Amato (ID 518380 M) wherein he stated with reverence that by a judgment dated 12th January, 2021, the first Honourable Court: i) upheld the plea of prescription filed by respondents Jurgen Debattista and Lee Martin in terms of section 2154 of the Civil Code; ii) dismissed the defendant's pleas and the other joined in suit in so far as they are incompatible with that judgment; and iii) upheld the first claim, by declaring that the respondents, John Martin and Derek Lee D'Amato, and the joined in suit Emanuel Theuma, through their actions caused the plaintiff permanent personal and psychological damage; iv) upheld the second claim for damages suffered by the plaintiff, in the sum of €32,656.51; v) upheld the third claim by condemning the defendants John Martin and Derek Lee D'Amato and the joined in suit Emanuel Theuma jointly and severally between them to pay the sum so liquidated. With interest from the date of the judgment until the date of effective payment and at the expense of the defendants John Martin and Derek Lee D'Amato and the joined in suit Emanuel Theuma including, in the circumstances, those of the other called in suit Jurgen Debattista and Lee Martin.

Whereas the applicant feels aggrieved by the decision just mentioned, and is hereby presenting this humble appeal to this Honourable Court from this decision of the 12th January, 2021, with the following grievances:

1. Prescription and solidarity

… omissis …

2. The grade of responsibility of the appellant Derek Lee D'Amato

… omissis …

3. Il-Kontribuzzjoni tal-attriċi

… omissis …

4. Id-Danni morali

… omissis …

5. Il-portata tas-Sentenza Kriminali fil-konfront tal-partijiet f'din il-kawża

L-ewwel Onorabbli Qorti ddikjarat illi ladarba kien hemm ammissjoni ta' ħtija fil-proċeduri kriminali, din kienet prova reġina u serviet biex l-esponent prattikament ma jkunx jista' jikkontesta r-responsabbiltà tiegħu f'sens.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq esposti, l-esponent qiegħed jinterponi umili appell mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti fl-ismijiet Joanna Hili vs John Martin u Derek Lee D'Amato datata 12 ta' Jannar, 2021, għal quddiem din l-Onorabbli Qorti u bil-qima jitlobha tħassar u tirrevoka l-imsemmija sentenza, billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut appellant u konsegwentement tiċħad it-talbiet tal-attriċi appellata. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi appellata.

Ir-Rikors fl-ismijiet Joanna Hili vs John Martin et, Rikors numru 373/08 jinsab differit għas-smigħ għat-22 ta' Ġunju, 2022, fit 8.15 a.m.

Notifika:
Joanna Hili, 39, Triq Giovanni Barbara, Il-Ħamrun
John Martin, 18, Triq il-Parroċċa, Santa Venera
Lee Martin, 158, Shamrock, Flat 2, Triq il-Kanun, Santa Venera
Emanuel Theuma, 15, Trejqet Sant'Anna, Il-Ħamrun
Jurgen Debattista, 188, Cannon Road, Santa Venera

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 11 ta' Mejju, 2022

DR F. BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

3. The Contribution of the plaintiff

… omissis …

4. The moral damages

… omissis …

5. The meaning of the Criminal Judgement in regard to the parties in this cause

Whereas the Honourable First Court stated that once there had been an admission of guilt in the criminal proceedings, this was the main proof required and this served to make it virtually impossible for the exponent to challenge his civil liability.

Therefore, for the above reasons, the plaintiff is humbly presenting this appeal from the judgment of the First Hall of the Civil Court in the names Joanna Hili vs. John Martin and Derek Lee D'Amato dated 12 January 2021 before this Honourable Court and respectfully requests it to annull and revoke the said judgment, upholding the appellant defendant's pleas and consequently dismissing the claims of the appealed plaintif. With costs of both instances against the appealed plaintiff.

The Application in the names Joanna Hili and John Martin et, Application number 373/08, has been deferred for hearing to the 22nd June, 2022, at 8.15 a.m.

Notify:
Joanna Hili, 39, Triq Giovanni Barbara, Ħamrun
John Martin, 18, Triq il-Parroċċa, Santa Venera
Lee Martin, 158, Shamrock, Flat 2, Triq il-Kanun, Santa Venera
Emanuel Theuma, 15, Trejqet Sant'Anna, Ħamrun
Jurgen Debattista, 188, Cannon Road, Santa Venera

Registry of the Superior Courts (Appeals), today 11th May, 2022

DR F. BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

819

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-29 ta' April, 2022, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 382/2021MH, li ġie ppreżentat fit-23 ta' April, 2021, fl-ismijiet Ramel u Żrar Ltd vs Mixer Ltd ġja Planka Ltd et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Bl-applikazzjoni tal-artikolu 259(4) tal-Kap. 12, tawtorizzaha tesegwixxi t-titolu eżekuttivi hawn fuq imsemmi u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha xieraq u opportuni.

By order of the Civil Court, First Chamber, on 29th April, 2022, in the records of Sworn Application No 382/2021MH, filed on 23 April 2021, in the names Ramel u Żrar Ltd Vs Mixer Ltd gia Planka Ltd Et, the following publication was ordered, pursuant to Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 to serve notice on the respondent. The applicant claims that the Court should, inter alia: Pursuant to Article 259 (4) of Cap. 12, it authorises it to execute the above-mentioned executive title under such provisions as it deems appropriate and opportune.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-1 ta' Ġunju, 2022, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Dalli Sebastian, 16, Papillon, Triq l-20 ta' Jannar, Ħal-Qormi

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 10 ta' Mejju, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The Sworn Application in the above names is postponed to 1stJune, 2022, at 9.00 a.m.

Notice to Respondent: Dalli Sebastian, 16, Papillon, Triq l-20 ta' Jannar, Ħal Qormi

Registry of the Superior Courts, today, 10th May, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

820

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-6 ta' Mejju, 2022, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1169/2020GM, li ġie ppreżentat fl-4 ta' Diċembru, 2020, fl-ismijiet Grixti Antoine et vs Valenzia Benjamin Dr et noe et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 495A et sequitur tal-Kap. 16 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' Rikors fl-ismijiet:
Antoine Grixti (KI 67768M)
Charles Grixti (KI 17759M)
Catherine Attard (KI 240951M)
Josephine Creek Grixti (KI 240851M)
Maria Rosaria Grech (KI 73552M)
Diandra Micallef (KI 499185M)
Joseph Micallef (KI 830749M)
Maria Carmela sive Carmen Tonna (KI 703647M)
Vincent Micallef (KI 0349053M)
Peter Paul Micallef (KI 0223955M)
Raymond Micallef (KI 0223855M)
Maria Theresa sive Marthese Mamo (KI 966846M)
Maria Anna sive Marion Xuereb (KI 966946M)
Carmel sive Charles Medati (KI 500053M)
Maria Carmela sive Carmen Caruana Medati (KI 217958M)
Benjamin Tonna (KI 224187M)
Caroline Medati (KI 567383M)
Christina Medati (KI 327996M)
Martina Medati (KI 421094M)
Alison Medati (KI 329790M) li qiegħda tidher għan-nom u in rappreżentanza tat-tliet uliedha minuri jisimhom …omissis…

Brian Borg (KI 316881M) illi qed jidher f'ismu personalment u kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza ta' Domenica Catania (passport numru A 18585), Spiridione Balzan (drivers license 8661HH, Alfred Balzan (passport numru PA 5663302), Anna Maria Marshall (passaport numru MT012284), Patricia Hind (passaport numru 1278437), Suzanne Trautsch (drivers license number 2082DU) u Peter Micallef (drivers license number 1008FW)
Vanessa Dalli (KI 498578M)

By order given by the Civil Court, First Chamber, on 6th May, 2022, in the acts of the Sworn Application number 1169/2020GM, which was filed on 4th December, 2020, in the names Grixti Antoine Et v. Valencia Benjamin Dr et noe et, the following publication has been ordered, pursuant to Article 495A et sequitur of Cap. 16, to serve notice on the respondent.

By application in the names:
Antoine Grixti (ID 67768M)
Charles Grixti (ID 17759M)
Catherine Attard (ID 240951M)
Josephine Creek Grixti (ID 240851M)
Maria Rosaria Grech (ID 73552M)
Diandra Micallef (ID 499185M)
Joseph Micallef (ID 830749M)
Maria Carmela or Carmen Tonna (ID 703647M)
Vincent Micallef (ID 0349053M)
Peter Paul Micallef (ID 0223955M)
Raymond Micallef (ID 0223855M)
Maria Theresa sive Marthese Mamo (ID 966846M)
Maria Anna sive Marion Xuereb (ID 966946M)
Carmel or Charles Medati (ID 500053M)
Maria Carmela sive Carmen Caruana Medati (ID 217958M)
Benjamin Tonna (ID 224187M)
Caroline Medati (ID 567383M)
Christina Medati (ID 327996M)
Martina Medati (ID 421094M)
Alison Medati (ID 329790M) appearing in the name and on behalf of the three minor children named …omissis…

Brian Borg (ID 316881M) appearing in his name in person and in the name and on behalf of Domenica Catania (passport No. A 18585), Spiridione Balzan (drivers license 8661HH), Alfred Balzan (passport number PA 5663302), Anna Maria Marshall (passport number. MT012284), Patricia Hind (passport number 1278437), Suzanne Trautsch (drivers license number 2082DU) and Peter Micallef (drivers license number 1008FW)
Vanessa Dalli (ID 498578M)

vs

Dr Benjamin Valenzia u PL Veronica Rossignaud kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredi mhux magħrufa ta' John Balzan u Joseph Balzan;

Rikors ġuramentat tal-esponenti Antoine Grixti et:

Illi r-rikorrenti flimkien huma koproprjetarji flimkien f'seba' ishma minn disgħa (7/9) tal-fond konsistenti f'dar, numru tmienja u ħamsin (58), bl-isem 'Frankie', inkluż bitħa retrostanti, u l-arja u s-sottoswol tagħha u kif ukoll dak fuq il-fond numru disgħa u ħamsin (59), kollox fi Triq Sir Patrick Stuart, Il-Gżira, Malta;

Illi r-rimanenti sehem ta' tnejn minn disgħa (2/9) indiviżi mill-istess proprjetà immobbli jappartjenu lill-intimati;

Illi l-fond inkwistjoni kien jappartjeni lill-ġenituri (u għal uħud lin-nanniet) defunti tal-kontendenti u ddevolva fuqhom b'wirt. Illi l-proprjetà oriġinarjament kienet tappartjeni lil axxendenti tal-partijiet u ċjoè lil Calcedoio Balzan u l-mara tiegħu Josephine Balzan née Overand u liema partijiet mietu fil-25 ta' Novembru tas-sena 1941 u l-25 ta' Novembru, 1974, rispettivament;

Illi għal kull bon fini u skont l-artikolu 495A(2) tal-Kodiċi Ċivili, l-esponenti qed jannettu dikjarazzjoni tagħhom li huma jaqblu li jsir dan il-bejgħ fit-termini tal-imsemmi konvenju u estensjoni tal-istess (Dok. A) u prospett li juri l-għadd u l-valur tal-ishma li għandu kull wieħed minnhom (Dok. B);

Illi għaldaqstant l-imsemmija proprjetà immobbli ilha miżmuma in komun bejn il-kontendenti u l-awturi tagħhom għal iżjed minn tliet snin u dan kif se jiġi ppruvat waqt is-smigħ tal-kawża;

Illi għaldaqstant l-imsemmija proprjetà nżammet in komun għal aktar minn tliet snin hekk kif jirrikjedi l-Artikolu 495A(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi sal-lum ħadd mill-proprjetarji ma intavola xi azzjoni ġudizzjarja sabiex tinqasam bejniethom din il-proprjetà li hija komuni;

Illi r-rikorrenti daħlu f'konvenju ma' MB Investments Limited (C70593) datat id-disgħa (9) ta' Frar, 2018, u dan kif estiż, in atti tan-Nutar Dr Sam Abela sabiex jinbiegħ dan il-fond, (kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. Ċ):

Illi r-rikorrenti ma jistgħux ibigħu l-intier tal-fond inkwistjoni in vista tal-fatt li l-konvenuti qed jirrifjutaw mingħajr ebda raġuni li jbigħu s-sehem tagħhom;

vs

Dr Benjamin Valeniza and PL Veronica Rossignaud deputy curators to represent the unknown heirs of John Balzan and Joseph Balzan;

Sworn application of Antoine Grixti and Others:

That the applicants together are co-owners together in seven out of nine (7/9) shares of the fund consisting of a house, number fifty-eight (58), named 'Frankie', including a backyard, and the air and its subsoil as well as that on the premises number fifty nine (59), all in Triq Sir Patrick Stuart, Gżira, Malta;

That the remaining share of two out of nine (2/9) undivided shares of the same real estate belongs to the respondents;

That the property in question belonged to the deceased parents (and to some grandparents) of the contenders and returned to them by inheritance. That the property originally belonged to ascendants of the parties and that is to say Calcedoio Balzan and his wife Josephine Balzan née Overand and which parts died on 25th November, 1941, and 25th November, 1974, respectively;

That for all good purposes and in accordance with article 495A (2) of the Civil Code, the applicants are enclosing their declaration that they agree to make this sale in terms of the said agreement and extension thereof (Doc. A) and a statement showing the number and value of shares held by each of them (Doc. B);

That therefore the said immovable property has been held in common between the contenders and their perpetrators for more than three years and this as will be proved during the hearing of the case;

That therefore the said property has been kept in common for more than three years as required by Article 495A (1) of Cap. 16 of the Laws of Malta;

That to date none of the owners has instituted any legal action in order to divide between them this property which is common;

That the applicants entered into an agreement with MB Investments Limited (C70593) dated the ninth (9) of February, 2018, and this as extended, in deeds of Notary Dr Sam Abela in order to sell this fund, (copy of which is attached hereto and marked Doc. C):

That the plaintiffs cannot sell the entire fund in question in view of the fact that the defendants are unreasonably refusing to sell their share;

Illi l-intimati mhux se jiġu preġudikati jekk din l-Onorabbli Qorti tawtorizza l-bejgħ tal-beni immobbli fuq imsemmija bil-prezz u l-kundizzjonijiet l-oħra stipulati fil-konvenju u estenzjoni fuq imsemmija;

Illi qiegħed hawn jiġi kkonfermat bil-ġurament ta' wieħed mill-atturi illi l-indirizzi jew il-post eżatt tal-komproprjetarji konvenuti mhux magħruf, għajr illi allegatament jgħixu l-Awstralja, u allura l-komproprjetarji konvenuti ma jistgħux jinsabu. Fl-istess waqt u bl-istess ġurament, l-istess attur jikkonferma illi l-eredi ta' Antoinette Agius u ta' Natalie Garvin mhumiex magħrufa;

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni oħra li tirriżulta meħtieġa, l-esponenti qed jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tawtorizza l-bejgħ tal-immobbli komuni deskritt aktar 'il fuq bħala d-dar, numru tmienja u ħamsin (58), bl-isem 'Frankie', inkluż bitħa retrostanti, u l-arja u s-sottoswol tagħha u kif ukoll dak fuq il-fond numru disgħa u ħamsin (59), kollox fi Triq Sir Patrick Stuart, Il-Gżira, Malta, bil-prezz, bil-pattijiet u bil-kundizzjonijiet l-oħra kollha stipulati fil-konvenju msemmi datat id-disgħa (9) ta' Frar, 2018, u l-estensjoni tal-istess;

2. Tistabbilixxi l-ħin, jum u l-post meta u fejn għandu jsir it-trasferiment;

3. Taħtar lin-Nutar Dr Sam Abela sabiex jippubblika l-att tal-bejgħ relattiv;

4. Tikkonferma lill-kuratur/i deputati sabiex jirrappreżenta lis-sidien mhux magħrufa fuq il-kuntratt pubbliku;

5. Taghti direzzjoni u tordna lin-Nutar Pubbliku inkwistjoni ħalli jiddepożita s-sehem spettanti lill-konvenuti mir-rikavat tal-imsemmi bejgħ taht l-Awtorità tal-Qorti;

6. Tagħti kull provvedimenti oħra li jkun jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għal nhar is-26 ta' Mejju, 2022, fid-9.10 a.m.

Notifika Intimat: Kuraturi Deputati

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 10 ta' Mejju, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

That the respondents will not be prejudiced if this Honorable Court authorizes the sale of the above mentioned real estate at the price and other conditions stipulated in the above mentioned agreement and extension;

That it is hereby confirmed by the oath of one of the plaintiffs that the exact address or location of the defendant co-owners is unknown, except that they allegedly live in Australia, and therefore the defendant co-owners cannot be located. At the same time and with the same oath, the same plaintiff confirms that the heirs of Antoinette Agius and Natalie Garvin are unknown;

Accordingly, for the reasons set out above and in anticipation of any other statement which may prove necessary, the petitioners respectfully request that this Honorable Court:

1. Authorizes the sale of the common property described above as the house, number fifty-eight (58), named 'Frankie', including a backyard, and its air and ottosuol and as well as that on premises number fifty-nine (59), all in Triq Sir Patrick Stuart, Gżira, Malta, with the price, terms and conditions and all other conditions stipulated in the said agreement dated the ninth (9) February, 2018, and the extension thereof;

2. Determine the time, day and place when and where the transfer is to be made;

3. Appoint Notary Dr Sam Abela to publish the relative deed of sale;

4. Confirms the deputy curator (s) to represent the unknown owners on the public contract;

5. Gives direction and directs the Notary Public in question to deposit the share due to the defendants from the proceeds of the said sale under the Authority of the Court;

6. Provide such other provisions as it may deem fit and proper.

With costs against the respondents

The Sworn Application in the above names is postponed to May 26th, 2022, at 9.10 a.m.

Notice to Respondent: Deputy Curators

Registry of the Superior Courts, today 10th May, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

821

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-26 ta' Novembru, 2021, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 972/2021CFS, li ġie ppreżentat fl-1 ta' Ottubru, 2021, fl-ismijiet Briffa Bernard sive Benny et vs Cassar Maria Grazzia, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 495A et sequitur tal-Kap. 16 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' Rikors fl-ismijiet:

(i) Bernard sive Benny Briffa (KI 605252M); (ii) Julia Buhagiar (KI 313057M), (iii) Sylvana Mifsud, (KI 310183M); (iv) Antoine Mangion, (KI 288280M); u (v) Angela Briffa (KI 730055M)

vs

Maria Grazzia Cassar (KI 394354M)

Rikors ta' Bernard sive Benny Briffa (KI 605252M), Julia Buhagiar (KI 313057M), Sylvana Mifsud, (KI 310183M); Antoine Mangion, (KI 288280M) u Angela Briffa (KI 730055M)

Jesponu bir-rispett u Sylvana Mifsud (KI 310183M) bil-ġurament tagħha tikkonferma:

Illi l-kontendenti huma komproprjetarji ta' porzjon diviż ta' art fl-inħawi magħrufa bħala 'Tal-Matla', fi Triq George Martin, l-Imqabba, tal-kejl superfiċjali kumplessiv ta' ċirka elf ħames mija u sitta u ħamsin metru kwadru (1,556 m.k.) konfinanti mit-Tramuntana mal-bqija ta' Triq George Martin, min-Nofsinhar ma' beni ta' Michele Inguanez jew tal-aventi kawża tiegħu u mill-Punent ma' beni tal-eredi ta' Michele Xuereb jew tal-aventi kawża tagħhom, jew irjieħ verjuri aktar korretti. Dan il-porzjon diviż ta' art jinsab murij aħjar bl-ittri A, B, C, D, u E u delinjat bil-lewn aħmar fuq 1-annessa pjanta mmarkata Dokument A ("is-Sit");

Illi l-esponenti huma konġuntivament bejnietom is-sidien ta' erba' partijiet minn ħamsa (4/5) indiviżi tas-Sit, filwaqt li l-intimata hija s-sidt tar-rimanenti sehem minn ħamsa (1/5) diviż tas-Sit. Is-sehem individwali tal-kontendenti jinsab muri fuq l-anness Dokument B;

Illi bis-saħħa ta' konvenju datat 11 ta' Awwissu, 2021, (Dokument C) l-esponenti intrabtu u obbligaw ruħhom li jbigħu, jassenjaw u jittrasferixxu t-4/5 sehem indiviż taghhom mis-Sit lil CF Developers Ltd, bin-numru ta' reġistrazzjoni C96073, u dan versu l-pattijiet u kundizzjonijiet hemm imfissra, fosthom versu l-prezz ta' miljun disa' mija għoxrin elf ewro (€1,920,000), liema prezz huwa komputat abbażi tal-prezz tas-Sit kollu fl-intier tiegħu ta' żewġ miljuni u erba' mitt elf ewro (€2,400,000);

By order given by the Civil Court, First Chamber, on 26th November, 2021, in the acts of the Sworn Application number 972/2021CFS, which was filed on 1st October, 2021, in the names Briffa Bernard Et Vs Cassar Maria Grazzia, the following publication was ordered, in terms of Article 495A et sequitur of Cap. 16 to serve as service against the respondent.

By application in the names:

(i) Bernard and Benny Briffa (ID 605252M); (ii) Julia Buhagiar (ID 313057M), (iii) Sylvana Mifsud, (ID 310183M); (iv) Antoine Mangion, (ID 288280M); and (v) Angela Briffa (ID 730055M)

vs

Maria Grazzia Cassar (ID 394354M)

Application by Bernard and Benny Briffa (ID 605252M), Julia Buhagiar (ID 313057M), Sylvana Mifsud, (ID 310183M), Antoine Mangion, (ID 288280M) and Angela Briffa (ID 730055M)

Respectfully stated and Sylvana Mifsud, (ID 310183M) with her oath confirms:

That the contenders are co-owners of a divided portion of land in the area known as 'Tal-Matla', in Triq George Martin, Mqabba, of an overall surface area of about one thousand five hundred and fifty-six square meters (1,556 m.k.) bounded on the north by the rest of Triq George Martin, on the south by the property of Michele Inguanez or his heirs and on the west by the property of the heirs of Michele Xuereb or their heirs, or more accurate vertical winds. This divided portion of land is best shown by the letters A, B, C, D, and E and is delineated in red on the attached plan marked Document A ("the Site");

That the applicants are jointly the owners of four parts of five (4/5) undivided shares of the Site, while the respondent is the owner of the remaining share of five (1/5) undivided shares of the Site. The individual share of the contenders is shown in the annex to Document B;

That by virtue of an agreement dated 11th August, 2021, (Document C) the applicants undertook and undertook to sell, assign and transfer their 4/5 undivided share of the Site to CF Developers Ltd, with the number of registration C96073, and this towards the terms and conditions set out therein, including the price of one million nine hundred and twenty thousand euro (€1,920,000), which price is calculated on the basis of the price of the whole Site in its entirety. of two million and four hundred thousand euro (€2,400,000);

Illi l-prezz stipulat fil-konvenju surriferit tal-11 ta' Awwissu, 2021, huwa wieħed ġust u reali. Sabiex ma jkun hemm ebda ekwivoku l-prezz tal-bejgħ finali għas-Sit intier, għalhekk inkluż il-1/5 sehem indiviż proprjetà tal-intimata, huwa fl-ammont ta' żewġ miljuni u erba' mitt elf ewro (€2,400,000), hekk kif imfisser fil-konvenju;

Illi s-Sit ilu miżmum fi stat ta' komunjoni bejn il-kontendenti għal iktar minn tliet (3) snin, hekk kif jirriżulta f'iktar dettall fid-dikjarazzjoni ġuramentata tal-esponenti hawn annessa bhala Dokument D;

Illi l-esponenti, qua sidien konġuntivament bejniethom ta' 4/5 indiviżi mis-Sit, jaqblu li l-bejgħ għandu jipproċedi fil-mod mifthiem fuq l-imsemmi konvenju;

Illi ll-intimata, qua sidt ta' 1/5 indiviż mis-Sit, oġġezzjonat għal dan il-bejgh, u dan minkejja huwa manifest li ma hijiex se tiġi gravament preġudikata bil-bejgħ prospettat.

Għaldaqstant, in vista tal-premess l-esponenti bir-rispett jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex a tenur tal-artikolu 495A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dispożizzjonijiet rilevanti oħra tal-istess Kap. 16:

i) tawtorizza li jsir il-bejgħ tal-porzjon diviż ta' art fl-inħawi magħrufa bhala 'Tal-Matla', fi Triq George Martin, l-Imqabba, tal-kejl superfiċjali kumplessiv ta' ċirka elf ħames mija u sitta u ħamsin metru kwadru (1556mk), konfinanti mit-Tramuntana mal-bqija ta' Triq George Martin, min-Nofsinhar ma' beni ta' Michele Inguanez jew tal-aventi kawża tiegħu u mill-Punent ma' beni tal-eredi ta' Michele Xuereb jew tal-aventi kawża tagħhom, jew irjieħ verjuri aktar korretti, liema porzjon diviż ta' art jinsab muri aħjar bl-ittri A, B, C, D, u E u bil-kuluri roża, aħdar u blu fuq il-pjanta annessa mal-komvenju, u dan versu l-prezz totali ta' żewġ miljuni u erba' mitt elf ewro (€2,400,000) u suġġett għall-pattijiet u kundizzjonijiet imfissra fil-konvenju tal-21 ta' Awwissu, 2021 (Dok. C);

ii) tistabbilixxi l-ħin, il-jum u l-post fejn għandu jsir it-trasferiment, senjatament sa mhux iktar tard minn sena mid-data li fiha l-eventwali sentenza li tiddeċiedi din il-kawża tkun għaddiet in ġudikat, liema appuntament ikun jista' jiġi potenzjlament jintalab bis-saħħa ta' rikors appożitu wara d-data tas-sentenza definittiva;

iii) taħtar lin-Nutar Kristen Grima ai termini tal-Artikolu 85 (2) tal-Kap. 55 tal-Ligijiet ta'Malta sabiex jippubblika l-att ta' kompravendità relattiv;

iv) taħtar kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-intimata fl-eventwalità li tonqos milli tidher quddiem in-Nutar fuq imsemmi għall-iffirmar u pubblikazzjoni tal-kuntratt definittiv ta' bejgħ.

That the price stipulated in the above-mentioned agreement of the 11th of August, 2021, is a fair and real one. In order not to be misunderstood, the final sale price for the entire Site, including the 1/5 undivided share owned by the respondent, is in the amount of two million and four hundred thousand euro (€2,400,000), as defined in the agreement;

That the Site has been held in a state of communion between the contenders for more than three (3) years, as it results in more detail in the affidavit of the exponents attached hereto as Document D;

That the representatives, who are the joint owners of 4/5 individuals from the Site, agree that the sale should proceed in the manner agreed upon in the said agreemen;

That the respondent, who owned 1/5 undivided shares from the Site, objected to this sale, and this despite the fact that it is manifest that she will not be seriously prejudiced by the prospective sale.

Therefore, in view of the premise, the plaintiffs respectfully request this Honorable Court to take into account in accordance with article 495A of Cap. 16 of the Laws of Malta and other relevant provisions of the same Cap. 16:

i) authorize the sale of the divided portion of land in the area known as 'Tal-Matla', in Triq George Martin, Mqabba, with an overall surface area of approximately one thousand five hundred and fifty-six square meters (1556sqm), bounded on the north by the rest of Triq George Martin, on the south by property of Michele Inguanez or his heirs and on the west by property of the heirs of Michele Xuereb or due to them, or more correct winds, which divided portion of land is best indicated by the letters A, B, C, D, and E and in pink, green and blue on the plan annexed to the convention, and this towards the total price of two million and four hundred thousand euro (€2,400,000) and subject to the terms and conditions set out in the agreement of 21st August, 2021 (Doc. C);

ii) determine the time, day and place at which the transfer is to be made, not later than one year from the date on which the judgment ruling in the present case has become final, which an appointment could potentially be requested by virtue of a special application after the date of the final judgment;

iii) appoint Notary Kristen Grima in terms of Article 85 (2) of Cap. 55 of the Laws of Malta to publish the relative deed of sale;

iv) appoint curators to represent the respondent in the event of his failure to appear before the aforementioned Notary for the signing and publication of the final contract of sale.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għal nhar 27 ta' Mejju 2022 fid-08.15hrs.

Notifika Intimat: Dar in-Nanna, Triq l-Imqabba, L-Imqabba

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 10 ta' Mejju, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The Sworn Application in the above names is adjourned until the 27th of May 2022 at 08.15hrs.

Notice to Respondent: Dar in-Nanna, Triq l-Imqabba, Mqabba

Registry of the Superior Courts, today, 10th May 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

822

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-29 ta' Marzu, 2022, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 84/2022NC3, li ġie ppreżentat fil-31 ta' Jannar, 2022, fl-ismijiet Camilleri Marco et noe vs Borg Justin, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-intimat iħallas lill-esponenti l-ammont hekk likwidat u dikjarat bħala dovut in linea ta' danni, kif imfisser. Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali u ta' kull mandat kawtelatorju kontra l-intimat inġunt minn issa stess in subizzjoni u b'riżerva għal kull azzjoni legali oħra spettanti lill-esponenti.

By order of the Civil Court, First Chamber, on 29th March, 2022, in the acts of Sworn Application number 84/2022NC3, filed on 31st January, 2022, in the names Camilleri Marco et noe vs Borg Justin, the following publication was ordered, pursuant to Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12 to serve notice on the respondent. The applicant claims that the Court should, inter alia: Order the respondent to pay the plaintiff the amount thus settled and declared as due in line with damages, as defined. At all costs, including those of the official letter and of any precautionary warrant against the respondent summoned so that a reference to his evidence be made.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-31 ta' Mejju, 2022, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: Borg Justin, St Anthony, Triq San Ġorġ, Ħal Safi SFI 1120

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 10 ta' Mejju, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The Sworn Application in the above names is adjourned to 31st May, 2022, at 9.30 a.m.

Notice to Respondent: Borg Justin, St Anthony, Triq San Ġorġ, Ħal Safi SFI 1120

Registry of the Superior Courts, today 10th May, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.))
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

823

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-3 ta' Mejju, 2022, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 76/2022NC, li ġie ppreżentat fil-31 ta' Jannar, 2022, fl-ismijiet Frank Salt (Real Estate) Ltd vs Orlov Denis pro et noe, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-konvenuti in solidum sabiex iħallsu lis-soċjetà rikorrenti s-somma msemmija ta' disgħa u tletin elf u ħamsa u ħamsin ewro u tmenin ċenteżmu (€39,055.80ċ). Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, mandat ta' sekwestru u bl-imgħaxijiet kummerċjali sal-pagament effettiv kontra l-intimati li ġew inġunti in subizzjoni. Il-konvenuti huma minn issa inġunti in subizzjoni.

By order of the Civil Court, First Chamber, on 3rd May, 2022, in the acts of Sworn Application number 76/2022NC, filed on 31st January, 2022, in the names Frank Salt (Real Estate) Ltd vs Orlov Denis pro et noe, was ordered to publish the following publication, in accordance with Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12 to serve notice on the respondent. The applicant claims that the Court should, inter alia: Order the defendants jointly and severally to pay the applicant the sum of thirty-nine thousand and fifty-five euros and eighty cents (€39,055.80c). With costs including those of the official letter of Cap. 12 of the Laws of Malta, an attachment warrant and with commercial interest until the effective payment against the respondents who were summoned so that a reference to their evidence be made. The defendants are now summoned so that a reference to their evidence be made.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-31 ta' Mejju, 2022, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Orlov Denis, Pender Gardens, Blk 16, Flat 57, Triq Ġdida fi Triq Sant' Andrija. San Ġiljan

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 10 ta' Mejju, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.))
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The Sworn Application in the above names is adjourned to 31st May, 2022, at 9.00 a.m.

Notice to Respondent: Orlov Denis, Pender Gardens, Blk 16, Flat 57, Triq Ġdida in Triq Sant 'Andrija, St Julian's

Registry of the Superior Courts, today 10th May, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

824

Avviż mir-Reġistru tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Billi Felicia Doneo (KI 346169M) ippreżentat rikors (numru 377/2022JVC) fejn ġiet mitluba l-korrezzjoni tal-Att tar-Reġistru Pubbliku numru 1212/1991 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 11 ta' Mejju, 2022

KAREN FALZON
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notice, Registry of the Civil Court, First Hall

Whereas Felicia Doneo (ID 346169M) filed an application (number 377/2022JVC) demanding the correction of the Act of Public Registry number 1212/1991 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court, today 11th of May, 2022

KAREN FALZON
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

825

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-9 ta' Mejju, 2022, fuq rikors ta' Damian Borg (KI 196479M) u fuq talba ta' Armen Stepanian (detentur tal-passaport Russu numru 64No2021565) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 20 ta' Ottubru, 2022, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Appartament internament immarkat numru tnejn (2) li jifforma parti minn blokk ta' appartamenti bin-numru uffiċjali ħamsa u tletin (35) bl-isem 'Falcon Forge' b'entratura komuni fi Triq it-Torri, l-Imsida. Dan l-appartament jinsab fl-ewwel sular u suġġett għal ċens annwu u perpetwu ta' tletin ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€30.51) fis-sena bid-drittijiet

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 09th May, 2022, on the application of Damian Borg (ID196479M) and on request of Armen Stepanian's (Russian passport number 64No2021565), Thursday, 20th October, 2022, at eleven in the morning (11.00 a.m.), has been fixed for the Sale by Auction, to be held in Room number 78 nearby the Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

Apartament internally numbered two (2) forming part of a block of apartments officially numbered thirty five (35) named 'Falcon Forge', with common entrance in Triq it-Torri, Msida. This apartment is situated on the first floor subject to an annual and perpetual ground rent of thirty euro and fifty one cents (€30.51) per year with all its rights and

u pertinenzi kollha tiegħu kif deskritt aħjar fil-kuntratt tal-għaxra ta' Marzu, tas-sena elfejn u seba' (10.3.2007) fl-atti tan-Nutar Carmel Gafà, stmat li jiswa mitejn u ħamsa u sittin elf ewro (€265,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Samvel Gurjinyan Gurdzhinyan (KI 41425A) u Irina Uspenskaya (KI 41426A) u b'digriet tat-30 ta' Lulju, 2019, ġew nominati Dr Josette Sultana u PL Nicholette Aquilina għall-assenti.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 21/2018.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 11 ta' Mejju, 2022

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

appertunances as further described in the contract in the tenth March two thousand and seven (10.3.2007) in the acts of Notary Carmel Gafà valued at two hundred and sixty five thousand euro (€265,000).

The said tenement is the property of Samvel Gurjinyan Gurdzhinyan (ID 41425A) u Irina Uspenskaya (ID 41426A) and by decree of 30th July, 2019, Dr Josette Sultana and Nicholette Aquilina LP had been nominated as curators for the absent.

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 21/2018.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 11th May, 2022

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

826

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, fis-6 ta' Mejju, 2022, fuq rikors numru 101/2021, Roland Edward Merington, persuna ta' ċittadinanza Brittanika u detentur tad-dokument ta' residenza bin-numru MT1271631 u tal-passaport bin-numru 535388708, rikoverat fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex ġie riabilitat.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Guriżdizzjoni Volontarja

Illum 11 ta' Mejju, 2022

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali (Għawdex)

IT is hereby notified that the Court of Magistrates (Gozo) in its Voluntary Jurisdiction, by virtue of a decree delivered on the 6th of May, 2022, in the records of application number 101/2021, ordered that Roland Edward Merington, a person holder of a British citizenship and holder of document of residence number MT1271631 and holder of passaport number 535388708, recovering in Gozo General Hospital, be rehabilitated.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

This 11th of May, 2022

DANIEL SACCO
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

827

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-3 ta' Marzu, 2022, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 268/2021/1FDP, li ġie ppreżentat fil-24 ta' Frar, 2022, fl-ismijiet A & A Condominium Services et vs Portofino Developments Ltd et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat.

Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżommu milli jkompli jagħmel il-ħwejjeġ imsemmija.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-smigħ nhar l-4 ta' April, 2022, fid-9.00 a.m.

By Order of the Civil Court, First Chamber, on 3rd March, 2022, in the acts of the Sworn Application number 268/2021/1FDP, filed on 24th February, 2022, in the names of A & A Condominium Services Et vs Portofino Developments Ltd et, the following publication was ordered to serve as notice to the respondent, in accordance with Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

The applicant requested this Honourable Court to, inter alia: Order the issuance of an injunction to prevent him from continuing to do the above.

The Sworn Application in the above names is adjorned for hearing 4th April, 2022, at 9.00 a.m.

Notifika Intimat: Portofino Developments Ltd, 55, Triq Jannara, Birkirkara

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 29 ta' Marzu, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notice to Respondent: Portofino Developments Ltd, 55, Triq Jannara, Birkirkara.

Registry of the Superior Courts, today, 29th March, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

828

Permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' April, 2022, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Ingrid Grech vs Carmel Baldacchino, Rikors numru 7/2022AGV, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Carmel Baldacchino a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Ingrid Grech (KI 0058168M) vs Carmel Baldacchino (KI 0478465M), ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja), fil-10 ta' Jannar, 2022, ir-rikorrenti Ingrid Grech talbet lil din l-Onorabbli Qorti a tenur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja s-smigħ tal-partijiet kif maħsub fl-Artikolu 66C tal-Kap. 16 ukoll sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' dawk il-kundizzjonijiet maħsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif maħsub fl-imsemmi Artiklu 66C.

Rikorrenti: 3, Benvenue, Triq il-Baruni V. Azzopardi, Ħaż-Żebbuġ (Malta)

Intimat: 86, Springvale, Triq Nikol Baldacchino, Ħal Qormi

Ir-rikors fl-ismijiet Ingrid Grech vs Carmel Baldacchino, Rikors numru 7/2022AGV, jinsab differit għad-19 ta' Mejju, 2022 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 12 ta' Mejju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 7th April, 2022, of the Civil Court (Family Section), in the records of the Application in the names Ingrid Grech vs Carmel Baldacchino, Application number 7/2022AGV, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Carmel Baldacchino in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12)

By means of an application in the names Ingrid Grech (ID 0058168M) vs Carmel Baldacchino (ID 0478465M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 10th, January, 2022, the applicant Ingrid Grech requested this Honourable Court in terms of the provisions of Article 66B of Cap. 16 of the Laws of Malta, this Honourable Court shall, after hearing the parties as provided for in Article 66C of Cap. 16 also in order to establish the existence of those conditions provided for in the said Article 66B, pronounce the divorce between the parties, as provided for in the said Article 66C.

Applicant: 3, Benvenue, Triq il-Baruni V. Azzopardi, Ħaż-Żebbuġ (Malta).

Respondent: 86, Springvale, Triq Nikol Baldacchino, Ħal Qormi

The application in the names Ingrid Grech vs Carmel Baldacchino, Application number 7/2022AGV, has been postponed for hearing to the 19th May, 2022, at 9.00 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 12th May, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

829

Permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' April, 2022, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Noel Tabone et vs Maria Frigġieri, Rikors numru 102/2022NB, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Maria Friggieri a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Noel Tabone (KI 43853M), Edward D'Agostino (KI 352346M), Daniel D'Agostino (KI

By means of a decree of the 27th April, 2022, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Noel Tabone et vs Maria Frigġieri, Application number 102/2022NB, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Maria Friggieri in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an application in the names Noel Tabone (ID 43853M), Edward D'Agostino (ID 352346M), Daniel

365487M) u l-Avukat James D'Agostino (KI 430379M) vs Maria Frigġieri (KI 423153M) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fit-3 ta' Frar, 2022, ir-rikorrenti Noel Tabone (KI 43853M), Edward D'Agostino (KI 352346M), Daniel D'Agostino (KI 365487M) u l-Avukat James D'Agostino (KI 430379M) vs Maria Friggieri (KI 423153M) talbu lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

1. Jaħtar Perit Tekniku bl-għan li jivvaluta skont is-suq miftuħ u liberu u frank l-fond numru 30 ġja 32 ġja 16, Triq is-Suq, Il-Furjana;

2. Iwettaq it-test tal-mezzi tal-intimata, ai termini tal-Artikolu 12B(3) tal-Kap. 158 u jiddetermina jekk l-istess intimata tissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi;

3. F'każ li dan il-Bord isib li l-intimata ma tissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tal-mezzi:

a. Ixolji l-kirja favur l-intimat tal-fond 32, ġja 16 Triq is-Suq, Il-Furjana,

b. Jagħti żmien perentorju lill-intimata, li ma jkunx iżjed minn sentejn sabiex tivvaka minn dan il-fond u tirrilaxxa l-pussess battal tiegħu u f'kundizzjoni tajba lill-esponenti,

c. Jagħti dawk il-provvediment l-oħra kollha xierqa, inkluż li jistabbilixxi kumpens li għandu jitħallas lir-rikorrenti għall-użu tal-fond għal perjodu hekk stabbilit fil-paragrafu precedenti;

4. F'każ li dan il-Bord isib li l-intimata tissodisfa l-kriterji tad-dħul u l-kapital tat-test tal-mezzi:

a. Jikkundanna lill-intimata sabiex tħallas lill-esponenti kera awmentata għall-ammont ta' 2% fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond mill-1 ta' Jannar tas-sena korrenti, liema kera jkun rivedibbli kull 6 snin sakemm ma jintlaħaqx ftehim bejn il-kontendenti,

b. Jistabbilixxi dawk il-kundizzjonijiet l-oħra ta' din il-kirja, ġusti tas-suq miftuħ tal-lum, fosthom li l-inkwilina ma tistax iċċedi jew tassenja l-kirja in toto jew in parte, ma tistax tissulloka l-fond in toto jew in parte lil terzi li ma tistax tagħmel tibdiliet strutturali, u li tkun obbligata li twettaq it-tiswijiet kollha meħtieġa fl-istess fond, ħlief għal tiswijiet strutturali li jsiru meħtieġa mingħajr ħtijiet tal-intimata.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata li hija inġunta minn issa għas-subizzjoni.

Intimata Maria Friggieri, 32, Triq is-Suq, Il-Furjana

L-Awtorità tad-Djar

D'Agostino (ID 365487M) and Lawyer James D'Agostino (ID 430379M) vs Maria Frigġieri (ID 423153M) filed before the Rent Regulation Board, on the 3rd February, 2022, the applicants Noel Tabone (ID 43853M), Edward D'Agostino (ID 352346M), Daniel D'Agostino (ID 365487M) and Lawyer James D'Agostino (ID 430379M) vs Maria Friggieri (ID 423153M) requested this Honourable Board to:

1. Appoint a Technical Architect for the purpose of valuating the premises 30, previously 32, previously 16, Triq is-Suq, Floriana, in the open and unencumbered market;

2. Carry out the means test of the respondent, in terms of Article 12B(3) of Cap. 158 and determine whether the same respondent meets the criteria for income and capital of the means test;

3. In the event that this Board finds that the respondent does not meet the criteria of the means test of income and capital:

a. Dissolve the lease in favour of the respondent of the premises 32 previously 16, Triq is-Suq, Floriana,

b. give the respondent a period of time, not exceeding two years to vacate the premises and release its vacant possession in good condition to the applicant,

c. It shall provide all other appropriate provisions, including setting out the compensation to be paid to the applicants for the use of the premises for the period established in the preceeding paragraph;

4. In the event that this Board finds that the respondent meets the criteria of the means tests for income and capital:

a. Order the respondent to pay the applicant an increase in rent for the amount of 2% per annum of the free and open market value of the premises from 1st January of the current year, which rent is reviewable every 6 years unless an agreement is reached between the contenders,

b. It establishes those other conditions of this lease, just conditions on today's open market, among which the tenant cannot give up or assign the lease in whole or in part to a third party who is unable to make structural changes, and who is obliged to carry out all necessary repairs in the same premises, except for structural repairs that become necessary without the respondent's fault.

With costs against the respondent who is hereby summoned so that a reference to her oath be made.

respondent: Maria Friggieri, 32, Triq is-Suq, Floriana

Housing Authority

Ir-rikors fl-ismijiet Noel Tabone et vs Maria Friggieri, Rikors numru 102/2022NB, jinsab differit għall-20 ta' Mejju, 2022, fid-9.20 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 12 ta' Mejju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The application in the names Noel Tabone et vs Maria Friggieri, Application number 102/2022NB, has been postponed for hearing to the 20th May, 2022, at 9.20 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 12th May, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

830

Permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta' April, 2022, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Julie Tonna et vs Pauline Mary Gerada, Rikors numru 132/2022NB, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Pauline Mary Gerada a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Julie Tonna (KI 431270M), Robert Micallef (KI 148664M), Raymond Micallef (KI 737462M) f'ismu proprju kif ukoll f'isem l-assenti Richard Micallef (KI 277765) u Jaqueline Quarmby (KI 350166M) vs Pauline Mary Gerada (KI 241584M) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fid-9 ta' Frar, 2022, ir-rikorrenti Julie Tonna, Robert Micallef u Raymond Micallef f'ismu proprju u f'isem l-assenti Richard Micallef u Jaqueline Quarmby talbu lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimata Pauline Mary Gerada hija l-inkwilina tal-appartament bl-indirizz 61, Borg Flats, Flat numru 6, Triq Salvu Psaila, Birkirkara, ai termini u applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kera tal-Bini Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jordna li jitwettaq it-test tal-mezzi tal-intimata Pauline Mary Gerada li għandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbiliti fir-Regolamenti Dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) maħruga taħt l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili u kwalunkwe regolamenti oħra li jistgħu minn żmien għal żmien jissostitwuhom;

3. Jiddikjara u jiddeċiedi illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021, il-kera għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix 2% fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-appartament bl-indirizz 61, Borg Flats, Flat numru 6, Triq Salvu Psaila, Birkirkara, fl-1 ta' Jannar, 2022, u sabiex jekk ikun il-każ jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera.

4. Jordna u jikkundanna lill-intimata Pauline Mary Gerada tibda' tħallas tali kera kif awmentata ai termini tal-Att XXIV tal-2021, b'effett mid-data tal-preżentata tar-rikors odjern;

5. Jordna, f'każ illi l-intimata Pauline Mary Gerada ma tissodisfax il-kriterji tad-dħul tal-Kapital tat-test tal-mezzi, li

By means of a decree of the 22nd April, 2022, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Julie Tonna et vs Pauline Mary Gerada, Application number 132/2022NB, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Pauline Mary Gerada in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an application in the names Julie Tonna (ID 431270M), Robert Micallef (ID 148664M), Raymond Micallef (ID 737462M) in his own name and also on behalf of the absent Richard Micallef (ID 277765) and Jaqueline Quarmby (ID 350166M) vs Pauline Mary Gerada (ID 241584M) filed in the Rent Regulation Board, on the 9th February, 2022, the applicants Julie Tonna, Robert Micallef and Raymond Micallef in his own name and on behalf of the absent Richard Micallef and Jaqueline Quarmby requested this Honourable Board why it should not:

1. Declare and decide that the respondent Pauline Mary Gerada is the lessee of the appartment with address 61, Borg Flats, Flat number 6, Triq Salvu Psaila, Birkirkara, and this in terms and with application of the dispositions of the Reletting of Urban Property (Regulation) Ordinance Cap. 69 of the Laws of Malta;

2. Order that the means test of the respondent Pauline Mary Gerada be carried out as set out in the Rules of the Continuation Tenancies (Means Testing Criteria) issued under Article 1622A of the Civil Code and any regulations that might replace them;

3. Declare and decide that in terms of Act XXIV of 2021, the rent shall be revised to an amount not exceeding 2% per year of the free and unencumbered open market value of the appartment with address 61, Borg Flats, Flat number 6, Triq Salvu Psaila, Birkirkara, on the 1st January, 2022, and in the event new conditions regarding the lease shall be established;

4. Order and condemn the respondent Pauline Mary Gerada to start paying the increased rent in terms of Act XXIV of 2021 with effect from the date of filing of this application;

5. Order that in the event that the respondent Pauline Mary Gerada does not satisfy the criteria of the income and

l-intimata tiġi permessa żmien ta' sentejn sabiex il-fondi jiġu vakati, oltre li tħallas kumpens pagabbli lir-rikorrenti għall-okkupazzjoni tal-fond matul l-imsemmi perjodu fl-ammont li jiddetermina dan il-Bord.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimata għas-subizzjoni u b'riżerva għal kull dritt ta' azzjoni spettanti lir-rikorenti inkluż dik ta' natura kostituzzjonali.

Rikorrenti: 8, Cosmopolitan Flats, Block E, Triq l-Istamnar, San Pawl il-Baħar

Intimata: 61, Borg Flats, Flat 6, Triq Salvu Psaila, Birkirkara

L-Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Julie Tonna et vs Pauline Mary Gerada, Rikors numru 132/2021NB, jinsab differit għall-20 ta' Mejju, 2022, fl-9.40 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 12 ta' Mejju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

capital of the means test, the respondent is allowed a period of two years for the premises to be vacated, in addition to pay a compensation payable to the applicants for the occupation of the premises during the said period in the amount determined by this Board.

With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to her oath be made and subject to any right of action due to the applicants including that of a constitutional nature.

Applicants: 8, Cosmopolitan Flats, Block E, Triq l-Istamnar, St Paul's Bay

Respondent: 61, Borg Flats, Flat 6, Triq Salvu Psaila, Birkirkara

Housing Authority

The application in the names Julie Tonna et vs Pauline Mary Gerada, Application number 132/2022NB, has been postponed for hearing to the 20th May, 2022, at 9.40 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 12th May, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

831

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-13 ta' Jannar, 2022, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1044/2021AJD, li ġie ppreżentat fit-22 ta' Ottubru, 2021, fl-ismijiet Zarb Luciano vs Mercieca Alexander, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tiddikjara lill-konvenut responsabbli għad-danni u mgħaxijiet riżultanti mill-inadempjenza kontrattwali tiegħu, konsistenti sija fid-danni u/jew imgħaxijiet legali riżultanti mill-mora tiegħu, u sija fid-danni pekunarji u nonpekunarji sofferti mill-attur f'każ illi jiġi kkonfermat illi ma jkunx jista' jsir il-kuntratt finali; u (a) tillikwida tali danni u mgħaxijiet; u (b) tordna lill-konvenut sabiex iħallas tali danni u mgħaxijiet hekk likwidati. Bl-ispejjeż legali, inklużi tal-ittra uffiċjali Dok. LZ4 u ta' kull att jew mandat relattiv, bl-imghax legali, bir-riżerva ta' kull azzjoni ulterjuri fil-liġi, u bl-inġunzjoni tal-konvenut minn issa in subizzjoni.Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-19 ta' Mejju, 2022, fl-10.50 a.m.

Notifika Intimat: Mercieca Alexander. 4, Anil, Triq il-Ħawt, Is-Swieqi

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 12 ta' Mejju, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By order given by the Civil Court, First Chamber, on 13th January, 2022, in the acts of Sworn Application number 1044/2021AJD, filed on 22nd October, 2021, in the names Zarb Luciano v. Mercieca Alexander, the following publication was ordered, pursuant to Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12 to serve notice on the respondent. The applicant claims that the Court should, inter alia: Declare the defendant liable for damages and interest resulting from his breach of contract, consistent both with damages and/or legal interest resulting from his default, and with pecuniary and non-pecuniary damages suffered by the plaintiff in case to confirm that the final contract cannot be concluded; and (a) liquidate such damages and interest; and (b) order the defendant to pay such damages and interest so liquidated. With legal costs, including of the official letter Doc. LZ4 and of any relative act or warrant, with legal interest, with the reservation of any further action in law, and with the injunction of the defendant from now so that a reference to his evidence be made. The Sworn Application in the above names is postponed to 19th May, 2022, at 10.50 a.m.

Notice to Respondent: Mercieca Alexander. 4, Anil, Triq il-Ħawt, Swieqi

Registry of the Superior Courts, today 12th May, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603